Diċembru 2010 • Vol 17 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa


- Mill-Akkademja tal-Pulizija
- Taħriġ minn Pulizija Torka (TADOC) lill-membri tal-SAG u l-instructors tal-Akkademja tal-Pulizija
- L-Alfa Romeo u l-Pulizija tal-Iskwadra Mobbli


u aktar...

*Newspaper Post*




UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY
Main Library
Class Mark MZ 6.
No. of Volumes In progress
Remarks
REFERENCE ONLY
*438427*

Diċembru 2010 • Vol 17 • Nru. 4

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



**Cover:**
Rekluti ġodda li qed jattendu kors ta' sena f' Akkademja tal-Pulizija.

Ir-ritratt ġie meħud
PS 516 Alfio Borg

# WERREJ



5 Editorjal

7 Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott Carmelo Mifsud Bonniċi

8 Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija is-sur John Rizzo

9 Union għall-membri tal-Korp – *Rapport mill-MPA*

12 Mill-Akkademja tal-Pulizija

17 Il-missjoni EULEX: Ħidma kontinwa fiż-żamma tal-ordni - l-ħarsien tal-liġi u l-ġlieda kontra il-kriminalita' organizzata fil-Kosovo.

20 Il-Parteċipazzjoni tal-Banda tal-Pulizija u l-Precision Drill Team waqt in-Notte Bianca u l-Military Tattoo

25 Taħriġ minn Pulizija Torka (TADOC) lill-membri tal-SAG u l-instructors tal-Akkademja tal-Pulizija

27 Żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija jingħataw rikonoxximent f'Jum Ħal Qormi

29 Żjara minn membri tal-IPA Sezzjoni Brabant (Brussell)

31 Is-Seba' Distrett

37 L-Alfa Romeo u l-Pulizija tal-Iskwadra Mobbli

41 Żjara ta' korteżija mill-Ministru tal-Intern u l-Ġustizzja u l-Kummissarrju tal-Pulizija fl-Akkademja tal-Pulizija

44 Apprezzamenti

47 X'Qed jiġbed liż-żgħażagħ biex jidħlu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta?

49 Il-piż lax-xhieda fil-qorti

51 Kors fuq 'In-natura u r-reati ambjentali'

53 Euro med II f' Malta

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Mejtin







IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Is-Sur Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters,
Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN


WARMING
HEARTHS OF STONE
MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE | QUARTZITE
Showroom: The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta
Tel: +356 21 433636 Fax: +356 21 412499 E-mail: info@halmannvella.com
Halmann
VELLA
www.halmannvella.com

# Editorjal

Wasalna għal aħħar ħarġa għal din is-sena, fejn grazzi għal parteċipazzjoni tagħkom dejjem irnexxielna noħorġu materjal li minnu kulħadd jista' jitgħallem.

Meta nħarsu lura lejn is-sena li waslet biex tgħalaq nindunaw kemm għal bosta kollegi din kienet waħda mpenjattiva. Naħseb l-iktar żmien impenjattiv kien waqt iż-żjara tal-Qdusija tiegħu l-Papa' Benedittu XIV. Għal darb'oħra urejna li għalkemm kien żmien xi ftit diffiċli, xorta urejna li kapaċi nqumu għal kull okkażjoni preżentata lilna.

Kif wieħed forsi nnota, fil-ħarġa ta' Settembru kien hemm numru ta' żbalji li, apparti li niskużaw ruħna jekk forsi urtajna lil xi ħadd, żgur li ma kien hemm l-ebda intenzjoni warajha.

Żball li forsi kien jidher ħafna kien fl-annu mniżżel fil-faċċata tal-*PullOut* ta' Jum il-Pulizija. Dan kellu jkun 196 u mhux 195. Żball ieħor kien dak f'paġna 11 meta nqalbu l-ismijiet tar-rekluti bejn dak li ġie fl-ewwel post ma dak li ħa l-PC Mark Farrugia Award. Fl-artiklu ntitolat 'Għoti ta' Ċertifikati' ħallejna barra lis-Surġent Neville Mercieca u lil Fr Ray Bonnici meta dawn kienu strumentali fis-*Summer Camp* li sar fis-sena 2009.

Irċievejna ittra mingħand l-ex Assistant Kummissarju Joseph C Gauci li waslet għandna fis-27 ta' Settembru, 2010. Fl-ittra tiegħu s-Sur Gauci ikkoreġa dak li ntqal fl-intervista magħmula lis-Sur Leone Ganado fejn dan tal-aħħar semma' li jiftakar l-ewwel ħatra ta' Assistent Kummissarju kif ukoll l-ewwel grupp ta' nisa fil-Korp.

Is-Sur Gauci nfurmana li skond l-istoriku Eddie Attard ir-rank ta' Assistent Kummissarju twaqqaf fl-1939, fejn fl-1976 kienu nħatru 3 Assistenti Kummissarji.

Huwa kompla jinfurmana li fir-rigward ta' Pulizija nisa, l-ewwel grupp ta' ħamsa daħlu fil-Korp fl-4 ta' Ġunju, 1956.

Nirringrazzjaw lis-Sur Gauci ta' l-interess w iżjed tal-informazzjoni.

Il-Bord Editorjali jixtieq jawgura l-festi t-tajba lil membri kollha kif ukoll lil familjari tagħkom u nirringrazzjahom tal-paċenzja li jieħdu bina speċjalment f'dawn iż-żminijiet.



# Home Loans

## Ngħinuk tixtri d-dar tal-ħolm tiegħek.

Aħna għandna varjetà ta' prodotti tal-Home Loans, huma x'inhuma l-bżonnijiet tiegħek. Kemm jekk se tixtri l-ewwel dar, residenza għas-sajf jew proprjetà biex tinkera, aħna għandna prodotti magħmula apposta għalik.

**Kellem lilna l-ewwel.**



Ċempel 2380 2380
Żur hsbc.com.mt
Mur fl-eqreb fergħa

HSBC
Bank dinji, bank lokali

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT1116



# Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott Carmelo Mifsud Bonniċi

Kull sena ġġib magħha d-diffikultajiet u l-isfidi tagħha. Tul din s-sena li qed tersaq lejn tmiemha jrid jiġi reġistrat li din kienet waħda li matulha l-Korp tal-Pulizija ħalla impatt pożittiv fis-socjetà tagħna. Dan jidher ċar mir-riżultati li ntlaħqu f'diversi setturi, sija dawk distrettwali kif ukoll fl-iskwadri speċjalizzati, proprju mertu ta' ħidmietkom. Fil-fatt, bil-ħidma ta' kull uffiċjal tal-Korp, komplejna naraw tnaqqis fid-delinkwenza u f'iktar persuni li tressqu quddiem il-Qorti u aktar kundanni.

Apparti apparat ġdid li nġieb għad-disposizzjoni tal-Korp rajna wkoll tisħiħ fir-riżorsi umani. Minbarra li kompla għaddej it-taħriġ lill-uffiċċjali preżenti tal-Korp, l-Akkademja tal-Pulizija din is-sena ffukat u kienet mħabbta aktar minn qatt qabel fuq it-taħriġ tal-Pulizija t'għada billi temmet b'suċċess il-kors ta' taħriġ ta' disa' xhur ta' 130 rekluta ġdida. Mhux biss, imma f'Ottubru beda t-taħriġ ta' kors ieħor għal rekluti ġodda li issa ġie estiż għal sena sħiħa. Tul is-sena li ġejja għandu jibda wkoll il-kors għall-Ispetturi Ġodda. B'dan il-proċess ta' tiġdid, il-forza tal-Korp għandha tibqa' tiżdied minn sena għal sena b'uffiċċjali ġodda mħarrġin sew u iktar fil-fond biex jilqgħu għall-bżonnijiet tal-lum.

Ħadd ma jista' jmeri l-fatt li x-xogħol ta' kull uffiċjal tal-Pulizija m'huwiex wieħed faċli. ħidmietkom titlob bosta sagrifiċċji fuqkom u l-familji tagħkom kif ukoll dedikazzjoni għall-ġid tas-soċjetà tagħna - ħidma li ma tieqafx, anqas meta ma tkunux fuq il-post tax-xogħol. Anki f'dawn il-jiem, meta ħafna jkunu mitlufin fid-divertiment tal-Festi tal-Milied, intom għandkom fuqkom ir-responsab-bilità li taraw li l-ordni u l-liġi jiġu rispettati. Il-ġid li tagħmlu intom bil-qadi ta' dmirijietkom mhux dejjem jiġi rrappurtat fil-mezzi tax-xandir, imma nassigurakom li mill-esperjenza personali u diretta tiegħi, l-apprezzament tal-poplu, ta' dawk li għandhom rieda tajba, hemm qiegħed. Għalhekk, f'ismi u f'isem il-Maltin kollha nirringrazzjakom għall-ħidma u s-sagrifiċċji li tagħmlu, speċjalment f'dan iż-żmien tal-festi.

Fl-aħħarnett nawgura lilkom u lill-maħbubin tagħkom il-Milied Ħieni u s-Sena Ġdida mimlija riżq.

Carmelo Mifsud Bonnici - Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

# Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija is-sur John Rizzo



Għeżież kollegi,

Kif nagħmel kull l-aħħar edizzjoni tal-*magazine* Il-Pulizija, jiena se naqsam ftit riflessjonijiet magħkom fuq is-sena ta' ħidma li wettaqna flimkien. Iż-żmien qiegħed litteralment itir minn fuqna. Is-sena qedha ssir qiesa xahar.

Ħarsa lura lejn dak li għamilna matul din is-sena, mill-ewwel tfeġġ fil-memorja l-miġja storika li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI għamel f'pajjiżna matul ix-xahar t'April. Ħdimna ħafna biex nippreparaw il-pjan ta' sigurta' għaż-żjara tiegħu. Kienet żjara li għalkemm mhux wisq twila, kienet waħda mpenjattiva ħafna. B'sodisfazzjon kbir ngħid li l-preparamenti kbar li għamilna kienu strumentali biex din iż-żjara kienet suċċess kbir. Anke jekk iċ-ċirkostanzi mdawrin maż-żmien tal-miġja tal-Q.T. kienu mhux daqstant inkoraġġanti, l-impenn tagħna ġie mfaħħar minn kulħadd inkluż mill-istess Q.T. l-Papa personali fl-udjenza qasira li kelli miegħu fin-Nunzjatura r-Rabat. Matul is-sena tajna protezzjoni u sigurta' lil diversi dinjitarji oħra li żaru pajjiżna. Ir-riżultati jitkellmu weħidhom. L-impenn dixxiplinat u l-preparazzjoni tagħna mingħajr wisq pompi u xeni jagħmilna Korp professjonali fit-tħaris ta' nies importanti.

Matul is-sena komplejna bl-impenn kontinwu tagħna fil-ġlieda kontra l-kriminalita'. B'wiċċi minn quddiem ngħid li r-riżultati miksuba kienu pożittivi ħafna. Għalkemm sfortunatament f'pajjiżna qed nesperjenzaw kull tip ta' attivita' kriminali bħal pajjiżi oħra barranin, nemmen li lkoll flimkien irnexxielna nżommu r-rata tal-kriminalita' relattivament baxxa u nagħmlu pajjiżna aktar sikur.

Madankollu jidher li l-abbuż tad-droga għadu magħna u kultant nesperjenzaw każi ta' abbużi minn żgħażagħ ta' eta` aktar tenera milli konna naraw snin ilu. F'dan il-qasam ksibna diversi suċċessi ta' qbid ta' droga. Ta' dan prosit lil kulħadd. Nafu kemm dawn l-investigazzjonijiet huma diffiċli. Pero' sfortunatament il-ħafna xogħol kbir li qed nagħmlu qed jintefa, ma jidhirx u mhux daqstant

apprezzat minħabba n-numru ta' rapporti ta' allegat abbużi u traffikar ta' droga li qed nirċievu. Għall-grazzja tal-ħanin Alla, din is-sena esperjenzajna tnaqqis kbir fil-wasla ta' mmigranti rregolari. Dan tagħna nifs sabiex norganizzaw branki oħra aħjar bin-numru ta' riżorsi umani li kienu jaħdmu fid-diversi ċentri ta' detenzjoni u li issa m'għadx hemm aktar il-ħtieġa tagħhom.

Matul din is-sena l-Korp kien impenjat ħafna f'investigazzjonijiet ta' każi ta' allegat korruzzjoni u tixħim. Ir-riżultati miksuba f'dawn il-każi kienu pożittivi ħafna li komplew jgħollu l-istima u r-rispett taċ-ċittadin lejn il-Korp.

Il-Korp kompla fejn ħalla fis-snin preċedenti fit-taqsima tar-relazzjonijiet pubbliċi. Ta' kuljum, biex intejbu t-trasparenza fil-Korp nirrispondu numru ta' mistoqsijiet parlamentari, kif ukoll mill-mezzi tax-xandir. Nattendu diversi programmi fuq il-mezzi tax-xandir u nipparteċipaw f'diversi kampanji edukattivi fuq diversi suġġetti relatati max-xogħol tal-Korp bi skop li nkunu aktar proattivi fil-ġlieda tagħna kontra kull tip ta' illegalita'.

Kelna sena mpenjattiva ħafna f'relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pulizija oħra barranin. Komplejna nkabbru l-esperjenza tagħna f'livell ta' EU. Attendejna numru kbir ta' laqgħat tal-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew, diversi laqgħat tas-CEPOL, FRONTEX, EUROJUST, EUROPOL u oħrajn. B'riżultat ta' dawn il-laqgħat, qed inkomplu nattrezzaw il-Korp b'esperjenza u tagħlim fuq livell ta' Pulizija oħra Ewropew. Aħna wkoll tajna l-kontribut tagħna fejn jidħlu laqgħat. Matul din is-sena waħda mill-akbar laqgħat li organizzajna kienet dik tal-*International Police Executive Symposium* (IPES). Għal din il-laqgħa bit-tema 'Reati relatati mat-Turiżmu' attendew għaliha madwar 95 Pulizija u esperti tal-kriminoloġija minn madwar il-globu kollu. L-impenn tagħna għal din il-laqgħa kien wieħed qawwi u r-riżultat kien wieħed ta' suċċess. Matul dawn l-aħħar xhur żammejna laqgħat oħra f'pajjiżna fosthom EUROMED II, seminar ieħor dwar reati tal-frodi u dawk finanzjarji u seminar ieħor dwar in-natura u l-ambjent. Dawn kienu seminars organizzati minn CEPOL. Is-sena ddieħla għandna ħsieb li norganizzaw laqgħa tal-Interpol għar-reġjun tal-pajjiżi Ewropej.

Matul is-sena komplejna nattrezzaw il-Korp b'diversi għodod u apparat fosthom *Land Rovers* għall-SAG u għat-taqsima ta' l-ALE, vetturi biex jintużaw għax-xogħol fid-distretti u d-diviżjonijiet. Vetturi oħra biex insaħħu l-flotta tal-karozzi tat-taqsimiet speċjalizzati bħas-CID, Skwadra ta' Kontra d-Drogi u s-Sezzjoni ta' Kontra l-Frodi. Fi żmien qasir se nintroduċu *breathalysers* għad-distretti kollha u t-taqsima tal-Iskwadra Mobbli. Introduċejna *safety helmets* għat-Taqsima tal-Kavallerija u numru ta' klieb ġodda biex insaħħu t-Taqsima tal-Klieb partikolarment dawk tax-xamm tad-droga, esplussiv u *crowd control*. Ġibna wkoll apparat ieħor bħal kompjuters, *night visions* u apparat ieħor relatat max-xogħol tagħna.

Dan li għedna ma jfissirx li kollox huwa ward u zgħar. Il-Korp jitlob minn kull wieħed u waħda minna impenn ħafna akbar minn hekk. Hemm ħafna xogħol x'nagħmlu flimkien u ntejbu kemm fuq livell ta' apparat, kemm fuq bażi ta' servizzi li nagħtu liċ-ċittadin kif ukoll fuq bażi ta' tagħlim.

Waħda mill-akbar sfidi li għandna s-sena d-dieħla hija l-bini ta' l-akkademja l-ġdida f'Ta' Kandja. Akkademja attrezzeta b'aktar faċilitajiet moderni kif jitlob il-Korp fiż-żminijiet ta llum. Kif kulħadd jaf illum l-Akkademja tagħna saret attiva ħafna. Madwar 250 membru ta' kuljum jattendu għal taħriġ divers. Għadhom kemm gradwaw madwar 130 pulizija li bħalissa qed iservu fid-diversi distretti tal-Korp. Ftaħna reklutaġġ ġdid u madwar 85 rekluta oħra bdew bil-kors ta' taħriġ intensiv li għall-ewwel darba fl-istorja tal-Korp se jdum għal sena sħiħa.

Proġett ieħor ambizzjuż li għandna jistennina s-sena d-dieħla huwa li nsibu post ieħor alternattiv għall-Għassa li għandna l-Belt Valletta. Kif tafu l-għassa preżenti taqa' fil-proġett il-ġdid ta' bieb il-Belt u għalhekk diġa bdejna bix-xogħol tagħna ħalli nsibu post altenattiv li jkun jixraq għal għassa fil-belt kapitali ta' pajjiżna.

Xogħol ieħor imporanti li għamilna kienu dawk il-laqgħat li għamilna flimkien, fejn għal siegħat twal iddiskutejna l-istrateġija tal-Korp u kif nistgħu ntejbu kemm is-servizz li jagħti l-Korp lill-komunita', l-*image* tagħna kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' xogħol.

Huwa diffiċli li wieħed jikteb dak kollu li għamilna flimkien f'dan il-ftit spazju li għandna hawn. Ma nixtieqx inkompli ntawwal.

Għalhekk nixtieq ngħid grazzi u prosit mill-qalb lil kull membru tal-Korp għal kontribut u l-impenn li wrejtu fil-qadi tad doveri tagħkom. Grazzi lil familji tagħkom ta' l-għajnuna u s-sapport kontinwu tagħhom. Grazzi lil kull min b'xi mod għen fil-ħidmiet tal-Korp. Nagħti l-kondoljanzi tiegħi lill-membri kollha tal-Korp li tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom. Nagħti l-kondoljanzi tiegħi lil dawk il-familji li tilfu l-għeżiż tagħkom li kien iservi fil-Korp.

Fl-aħħarnett nawgura lilkom u l-maħbubin tagħkom il-Milied hieni u sena ġdida mimlija saħħa, hena u risq.

Grazzi

Kummissarju tal-Pulizija

# Union għall-membri tal-Korp – *Rapport mill-MPA*

*Għeżież ħbieb,*
Sa mit-twaqqif tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar (PNB), il-kumitat eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni talab għad-dritt li l-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jissieħbu f'Union minflok f'Assoċjazzjoni. Dan id-dritt għandu jkollu ċerta restrizzjonijiet li jkunu kompatibbli ma' Korp iddixxiplinat.

Talba tal-Assoċjazzjoni fi ħdan il-PNB magħmula fit-3 ta' Ġunju 2005 hi s-segwenti:

***"Bi dritt, il-membri tal-Korp tal-Pulizija jkollhom id-dritt li jissieħbu f'Union u mhux aktar f'Assoċjazzjoni, ovjament dan għandu jsir b'ċerti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet xierqa għal Korp iddixiplinat. Il-maġġoranza tal-Pulizija Ewropea kollha jgawdu minn dan id-dritt fundamentali li wkoll joħroġ ċar mid-direttivi tal-Unjoni Ewropea, 'Social Charter'. Għaldaqstant ġaladarba l-Gvern Malti għadu ma rratifikax dan it-trattat, fejn jirrigwardja lill-Pulizija, aħna nitolbu li dan jiġi rratifikat sabiex fl-inqas żmien possibbli nkunu nistgħu nwaqqfu l-Union tagħna u niġu konformi mal-kollegi tagħna Ewropej".***

Wara li fil-PNB ma naghtajna l-ebda risposta fuq dan il-punt, fl-20 ta' Jannar, 2008 ġie rreġistrat nuqqas ta' qbil u talba sabiex il-punt jitressaq għal arbitraġġ skond il-liġi. Din is-sena ġie preżentat rapport lil Onor. Ministru tal-Ġustizzja u Intern. F'dan ir-rapport nagħtu ħarsa lejn t-trattati u liġijiet jew direttivi Ewropej rigward is-suġġett, kif ukoll f'hiex waslu korpi u servizzi oħra Ewropej, u xi drittijiet għandhom il-membri tagħhom. Qiegħed hawnhekk nirriproduċi partijiet sostanzjali minn dan ir-rapport għal informazzjoni tagħkom.

**Trattat ta' Lisbona : Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.**
Sa mill-1 ta' Jannar 2010, it-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ. Ma dan it-trattat, hemm id-dikjarazzjoni dwar il-karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (2007/C 303/01). Il-Gvern Malti rratifika dan it-trattat fis-6 ta' Frar 2008. "Il-karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, hija legalment vinkolanti, tikkonferma d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-istati membri."

<u>Artikolu 12</u> tal-karta tad-drittijiet fundamentali;

1. Kull persuna għandha dritt għal liberta' ta' għaqda paċifika u għal-liberta ta' assoċjazzjoni f'kull livell, b'mod partikolari fil-qasam politiku, tat-*trade unions*, u ċiviku, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma *trade unions* flimkien ma' oħrajn u li tissieħeb magħhom għall-protezzjoni ta' l-interessi tagħha.
2. Il-partiti politiċi f'kull livell ta' l-unjoni Ewropea jikkontribwixxu għall-espressjoni tar-rieda politika taċ-ċittadini ta' l-unjoni.

**European Social Charter:**
Malta rratifikat il-*European Social Charter* kif emendat fis-27 ta' Lulju 2005. Malta preżentat *Note Verbal* mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin li torbot lir-Repubblika ta' Malta b'lista ta' Artikoli, fosthom Artikoli 5 u 6.

<u>Artikolu 5</u> : *The Right to organise.*

*With a view to ensuring or promoting the freedom of workers and employers to form local, national or international organisations for the protection of their economical and social interests and to join those organisations, the parties undertake that national law shall not be such as to impair, nor shall it be so applied as to impair, this freedom. The extent to which the guarantees provided for this article shall apply for the Police shall be determined by national lawsor regulations. The principle governing the application to the members of the armed forces of these guarantees and the extent to which they shall apply to persons in this category shall equally be determined by national laws or regulations.*

<u>Artikolu 6</u> : *The right to bargain collectively.*

*With a view to ensuring the effective exercise of the right to bargain collectively, the parties undertake :*
1. *to promote joint consultation between workers and employers;*
2. *to promote where necessary and appropriate, machinery for voluntary negotiations between employers' organisations and workers' organisations with a view to the regulation of terms and conditions of employment by means of collective agreements;*
3. *to promote the established and use of appropriate machinery for conciliation and voluntary arbitration for the settlement of labour disputes;*
4. *the right of workers and employers to collective action in cases of conflicts of interest, including the right to strike, subject to obligations that might arise out of collective agreements previously entered into.*

<u>L-applikazzjoni ta' dawn id-drittijiet għall-Pulizija, skond il-ġurisprudenza tal-kumitat Ewropew għad-drittijiet soċjali;</u>

Artiklu 5 : d) Restrizzjonijiet għall-Pulizija.

*" with regards to the police, the committee has held that it is clear, in fact from the second sentence of article 5 and from the preparatory work on this clause, that while a state may be permitted to limit the freedom of organisation of the members of the police, it is not justified in depriving them of all the guarantees provided for in this article".*

*In other words, police officers must enjoy the main trade union rights, which are the right to negotiate their salaries and working conditions, and freedom of association.*

**The European Code of Police Ethics - Recommendation Rec(2001)10**

*<u>Legal basis of the police under the rule of Law.</u>*

5. *Police personnel shall be subject to the same legislation as ordinary citizens, and expectations may only be justified for reasons of the proper performance of and exceptions may only be justified for*

*reasons of the proper performance of police work in a democratic society.*

**D – Rights for Police Personnel**

*Article 31 : Police staff shall as a rule enjoy the same civil political rights as other citizens. Restrictions to these rights may only be made when they are necessary for the exercise of the functions of the police in a democratic society, in accordance with the law, and in conformity with the European Convention on Human Rights.*

*Article 32 : Police Staff shall enjoy social and economic rights, as public servants, to the fullest extent possible. In particular staff shall have the right to organise or to participate in representative organisations, to receive an appropriate renumeration and social security, and to be provided with special health and safety measures, taking into account the particular character of police work.*

***Resolution 690 (1979) [1] : Declaration on the Police Parliamentary Assembly (Council of Europe)***

A. Ethics

*6. Considering that the police officers should enjoy status and rights compared to those of members of the civil service.*

B. Status

*7. A police professional organisation, provided it is representative shall have the right ;*

- *To take part in negotiations concerned the professional status of police officers;*
- *To be consulted on the administration of police units;*
- *To initiate legal proceedings for the benefit of a group of police officers or on behalf of a particular police officer.*

*"Parts A and B of the declaration cover all individuals and organisations, including such bodies as secret services, military police forces, army forces or military forces or military performing police duties, that are responsible for enforcing the law, investigating offences, and maintaining public order and state security."*

**Att dwar l-Unjoni Ewropea : Kapitolu 460**

1. (1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti eżistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mill-Liġi domestika tagħha taħt il-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

(2) Kull disposizzjoni ta' Liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi nfurzata.

**Sħubija ta' Membri ta' Korp/Servizzi tal-Pulizija fl-Ewropa.**

Il-Maġġoranza tal-Unions/ Assoċjazzjonijiet/Federazzjonijiet tal-Pulizija huma msieħba jew fic-C.E.S.P. (Kunsill Ewropew tat-Trade Unions tal-Pulizija) jew EuroCop (European Confereration of Police). Dawn iż-żewġ organizzazjonijiet prinċipali għandhom 53 membru minn pajjiżi ewropej.

**Stħarriġ ma xi kollegi tagħna barranin.**

- *How many Police Unions are there in your country?*
- *Can all Police Officers in your country join a Police union or any other union?*
- *What industrial actions can Police in your country take?*
- *What methods of negotiations for collective agreements or other bargaining for better conditions are used in your country?*
- *Is the Commissioner of Police or the head of the Police a member of the same union like other officers?*
- *Are Police unions in your country always included in negotiations which effect the Police force/service?*

Dawn huma t-tweġibiet li rċievejna :

Irlanda : AGSI (Assoċjazzjoni)

*We are an association and are jealous of the ability to join a union, a luxury not afforded to our association. We are only permitted to form an association without trade union status. There are no rappresentatives of the Assistant, Deputy and the Commissioner. We cannot have any industrial action or withdrawal of labour. We have access to a negotiation body for conditions of employment and special allowances in the nature of pay, but are governed by the National Pay Agreement regarding pay increases through the public sector. We are included in negotiations with the government to a certain extent.*

Macedonja : MPS (Union)

*In Macedonia there is only 1 Police union. 85% of Police officers are members. It is unclear of what industrial actions can we take as a union. Collective agreements are negotiated with us. The director of Police cannot be a member. The Minister is obliged to consult with MPS on all issues of socio-economic and professional nature. If the minister does not consult with MPS, Court action may be taken.*

Rumanija – Pro Lex (Union)

*There is no limit on the number of Police Unions. To form a union, 15 people from the same branch are needed. Collective agreements are negotiated with the union within 30 days of the adoption of the budget institution. All police Officers can join unions regardless of ranks. Employers are obliged to invite delegations from trade unions to participate in discussions. Unions may take all actions necessary.*

Germanja – BDK (Union)

*We have 4 Police Unions in Germany (BDK,UCIO,GdP,UFBP). Any Police officer can join any union he likes. Only demonstrations, negotiations and public campaigns are allowed. The prohibiltion of strike is not codified in laws, but derives from old traditions and basic principles, however demonstrations and strikes are made by non-police staff working for the police. Negotiations are always held together with all unions. The heads of Police are not usually*

members of the same union ad other Police officers as they have political position, but if they wish they can **join a union.** The Unions are always included in negotiations with the government.

Ungerija – FR.Sz (Union)

There are 4 Police Trade Unions. Police officers can join other unions different from the Police Union. We are allowed to demonstrate, but not to strike. Trade Unions are invited to the negotiations with the employer and are always present in discussions. All Police officers can join Police unions.

Bulgaria – NPS (Union)

Within the Ministry of Interior, there are 2 Police trade Unions. 1 Trade Union of Civil Administration and 1 Union for Firefighters. Police officers may organize themselves in a Trade Union and all Police Officers are allowed to join. Police Trade Unions are restricted from joining National Trade Union Federations. Police unions have all kind of industrial actions, without strike. Police unions are entilteld to conclude agreements with the Ministry of Interior to ensure the rights of its members. Commandants and Police heads have their own professional organizations. They may belong to a trade union with other officers, but will not have leading positions in it.

Nisperaw li b'dan l-artikolu tajna idea ċara ta' dak li qegħdin nitolbu, għaliex qegħdin nitolbuh, kif ukoll x'għandhom kollegi tagħna ewropej. Dan huwa pass kbir li sejjer jaffettwa dirett lill membri tagħna. Ma jfissirx li għax il-Pulizija ta' Malta tingħaqad f'Union, din sejra titlef kull sens ta' dixxiplina jew sens ta' dover. Dan id-dritt huwa neċessarju sabiex jagħtina l'opportunita' li bħal ħaddiema oħra, ningħataw rikonoxximent li għandna post fis-soċjeta' moderna bħala entita għalina, kif ukoll ninnegozjaw dak li huwa validu għall-bżonnijiet tagħna. Huwa inutli li l-Collective Agreements taċ-ċivil jgħoddu għalina, u bosta kundizzjonijiet lanqas jagħmlu sens li jkunu ntrodotti bħala prattiċi ta' xogħol fil-Korp tal-Pulizija, minħabba l-kwalita' ta' xogħol rikjest minna.

Bħal dejjem infakkar li l-uffiċju tagħna huwa dejjem miftuħ u nħeġġukom tagħmlu kuntatt magħna għal kull diffikulta'.

F'isem iċ-Chairman u l-Kumitat Eżekuttiv, nixtieq nawgura lilkom u lill-familji tagħkom il-Milied u s-Sena t-Tajba.




www.goodearth.com.mt



GOOD EARTH
NATURAL FOODS
Hard Rocks Industrial Park,
Burmarrad Road, Naxxar NXR6345
t: 21 431309 f: 21 421873,
e: purchasing@goodearth.com.mt
www.goodearth.com.mt

# Mill-Akkademja tal-Pulizija

Spettur Stephen Mallia

### Instructors ġodda

Dan l-aħħar l-Akkademja ġiet fornuta b'numru ta' *instructors* ġodda fil-qasam tat-taħriġ fiżiku, sparar u *unarmed combat* li qegħdin jikkumplementaw lil dawk li diġa kienu hemm, biex issa l-Akkademja hi fornuta b'uħud fost l-aqwa elementi tal-Korp fil-qasam tat-taħriġ. Fil-fatt, l-*instructors* kollha huma kwalifikati b'uħud f'aktar minn qasam wieħed fejn għandhom livell sinifikanti ta' esperjenza. Hawn f'isem l-amministrazzjoni tal-Akkademja xtaqt nuri l-apprezzament lejn il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Rizzo li kompla jinvesti fil-qasam tat-taħriġ għall-beneficċju tal-membri tal-Korp. Jekk il-Korp irid ikun imħarreġ fuq livelli professjonali ma jistax jonqos li l-Akkademja tkun attrezzata b'għalliema tajbin u dedikati li għandhom l-esperjenza u li lesti juru mpenn.







### It-Taħriġ

F'ħarġiet preċedenti kont ktibt dwar it-taħriġ fiżiku li jingħata lill-membri li jattendu għall-*inservice courses*. Irrid ngħid li s-sitwazzjoni fil-livell fiżiku tal-membri tal-Korp għadha m'hiex dik mixtieqa. Għalkemm jattendu numru konsiderevoli ta' membri li għandhom ċerta eta' u servizz u li jiġu osservati jagħmlu l-almu tagħhom fit-taħriġ, qed jiġu nnutati wkoll oħrajn ta' eta' ferm iżgħar li m'humiex juru l-istess ħeġġa u mpenn waqt it-taħriġ. Lil dawn ta' l-aħħar ngħidilhom li l-aġir tagħhom xejn ma qed jirrifletti tajjeb fuq il-*performance* tagħhom. Fil-fatt, minbarra li l-Akkademja qed tagħmel moniteraġġ fuq il-membri tal-Korp li jattendu għat-taħriġ qed jinżammu rekords aġġornati ta' kull individwu dwar il-livell ta' taħriġ inġenerali fit-tliet suġġetti tal-*Core Training* (*PE*, sparar u *unarmed combat*) u dan biex mhux kulħadd jintefa' f'keffa waħda.

Il-Korp qed jintroduċi sistemi li għandhom iservu ta' deterrent u fl-istess ħin ta' inċentiv għal min irid javvanza fis-servizz u dan billi dawn ir-rekords ser jibdew jingħaddu lit-taqsima tal-Riżorsi Umani ħalli jiġu nseriti fid-*Dossier* rispettiv ta' kull membru. Hekk titlob is-serjeta', nkella dak kollu li qed isir fil-qasam tat-taħriġ, apparenza u dixxiplina ma jkollux sinifikat u l-membri jkunu qed jattendu fl-Akkademja biss bħala proċedura.

### Rekluti Ġodda

Fil-11 ta' Ottubru 2010 beda il-31 Kors Bażiku ta' Taħriġ fejn numru sabiħ ta' rekluti bdew sena taħriġ fl-Akkademja. Bħal rekluti ta' qabilhom mistennija jkollhom taħlita ta' taħriġ tejoretiku u prattiku ntenzjonat biex jippreparahom kemm jista' jkun għal meta joħorġu barra fuq il-beat b'responsabiltajiet ġodda ta' Pulizija. Dawn ir-rekluti l-ġodda qed ikollhom taħriġ fiżiku u drill kull filgħodu biex il-livell ikun wieħed addattat meta jtemmu l-kors tagħhom. Dan għandu wkoll l-iskop li dawn il-membri ġodda la jilħqu Kuntistabblijiet ikunu draw din issistema u jkomplu jsegwu dan il-programm ta' taħriġ fiżiku għal rashom anke wara li jtemmu l-kors. Minn hawn nawguralhom tagħlim siewi u suċċess fil-karriera li għażlu.

### Kompetizzjoni tal-Isparar

Matul ix-xahar ta' Mejju 2010 ġiet imtella kompetizzjoni tal-isparar bil-pistola *Glock* ġewwa r-range tal-Akkademja għall-membri tal-Korp waqt l-*inservice courses*. Bi pjaċir inħabbar is-segwenti rebbieħa ta' din il-Kompetizzjoni:

L-Ewwel Post – PC425 M. Cilia La Corte (Dist. 7)
It-Tieni Post – PC1016 A. Mercieca (Mobile Squad)
It-Tielet Post - PC660 A. Mifsud (Dist. 8)
L-aħjar membru femminili – WPC207 C. Calleja (Dist. 6A)
L-aħjar Distrett/Sezzjoni u rebbieħa tax-Shield – (Dist. 4 kompost minn PS856 C. Falzon, PC1363 A. Spiteri u PC1414 G. Mercieca).

Minn hawn xtaqt nifraħ lir-rebbieħa u nirringrazzja kemm lill-instructors li ħadu ħsieb li titmexxa din il-kompetizzjoni kif ukoll lill-MPA li sponsorjaw it-Trophies u x-Shield li ser tinżamm mid-Distrett rebbieħ, filwaqt li nawgura li din il-kompetizzjoni tibqa' titella' kull sena mill-Akkademja.

# IMMEDIATE MEDICAL CARE UNIT (IMCU)



SAINT JAMES
HOSPITAL
*Because our family cares*

## 24 hours a day.
## 365 days a year.

Whatever your **immediate** medical need may be, our experienced doctors & nurses will deal with it within the professional setting of Malta's leading private hospital group.

malta
**SLIEMA**
**ZABBAR**
**MOSTA**
**TRANSFORMA COSMETIC CLINIC**
international
**TRIPOLI**
**BUDAPEST**

# CALL 21 333333

**Zabbar Hospital** - St. James Square, Zabbar ZBR 3103
**Sliema Hospital** - George Borg Olivier Street, Sliema SLM 1807

**www.stjameshospital.com**

# **BOV** MasterCard Prepaid Cards



## Trid tagħti **rigal differenti**?




Il-BOV MasterCard Prepaid Card toffrilek versatilita` u konvenjenza, filwaqt li hi sempliċi biex tużaha. Kun żgur mir-rigal li tagħti. Għażel BOV MasterCard Prepaid Card, mill-fergħat kollha tal-BOV.

www.bov.com 2131 2020

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 27186

BOV

Bank of Valletta

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

**Donazzjoni ta' Demm**

Matul it-22 u t-23 ta' April 2010 attenda ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija l-Mobile Blood Bank Service fejn bħal ma hija t-tradizzjoni f'kull reklutaġġ saret donazzjoni ta' demm minn numru ta' rekluti tat-30 Kors Bażiku ta' Taħriġ li ħaqqhom prosit ta' dan il-ġest uman. Dawn ir-rekluti ħaqqhom ukoll prosit ta' donazzjoni ta' flus li kienu għamlu flimkien mal-istaff ta' l-Akkademja lil *Puttinu Cares*.

**Kors tal-Life Saving**

Matul ix-xahar ta' Lulju jiena, flimkien ma' PS1163 F. Schembri u PS823 I. Brincat mill-Akkademja, u PS46 C. Casha, PS494 G. Borg u WPC94 C. Casha minn taqsimiet oħra tal-Korp attendejna kors intensiv ta' salvataġġ fil-baħar mar-*Royal Life Saving Society (RLSS)* fejn b'sodisfazzjoni ngħid li ġejna fit-tieni post wara l-AFM peress li dawn tal-aħħar resqu numru konsiderevoli ta' suldati għall-eżamijiet finali. Irrid ngħid li għalkemm aħna bħala Pulizija konna ferm inqas mill-AFM fin-numru, xorta rnexxielna niksbu t-tieni post peress li ħadna aktar awards, u ċioe kull wieħed minnha irnexxielu/a jasal sal-livell ta' *Bronze Cross* fejn ikkwalifikajna wkoll bħala għalliema.

Nixtieq infakkar li fl-antik il-Korp tal-Pulizija kien jiċċalinġja sewwa għar-rebħ ta' *Shield tar-RLSS* u s-sena d-dieħla hu ppjanat li l-Korp permezz tal-Akkademja jerġa jisfida għall-ewwel post bis-sehem tar-rekluti l-ġodda li hu ppjanat li jingħataw taħriġ min għandna stess waqt il-kors tagħhom fl-Akkademja kif ukoll fil-baħar qabel jiġu eżaminati mir-RLSS.

**Għotjiet ta' kotba għall-Akkademja**

Matul ix-xahar ta' Ottubru 2010 kien hawn fostna l-vapur *Logos Hope* li għandu fama internazzjonali minħabba l-fiera ta' kotba li jġorr fuqu w li minnha jibbenifikaw id-diversi pajjiżi li jżur regolarment.

Bħala Akkademja kellna kuntatti mall-awtoritajiet ta' dan il-vapur u b'sodisfazzjon ngħid li l-Akkademja ngħatat sett kotba għall-użu tal-librerija, li hemm il-ħsieb li tiġi aġġornata. Peress li kellna l-opportunita' li ngħażlu l-kotba aħna, intgħazlu dawk b'temi fuq is-saħħa u taħriġ fiżiku, *First Aid* u suġġetti varji oħrajn li għandu jsib utli kull membru tal-Pulizija, l-aktar kif ikun effiċjenti waqt xogħolu u kif għandu jmur man-nies.

Preżentazzjoni oħra ta' kotba b'tema kulturali ġentilment ingħatat lill-Akkademja tal-Pulizija mid-*Direttur tal-Istituto Italiano Di Cultura*, s-Sur Busetti li ħassu ferm sodisfatt li l-istitut immexxi minnu kien ta' assistenza fl-aġġornar tal-librerija tal-Akkademja tal-Pulizija. Il-preżentazzjoni saret nhar is-26 ta' Ottubru 2010 ġewwa l-Istituto Italiano Di Cultura fil-Belt Valletta u għaliha f'isem l-Akkademja attendejna kemm il-Kmandant is-Sur R. Kelly u anke jien.

Għalkemm m'hiex xi biċċa xogħol faċli li din il-librerija tiġi aġġornata minħabba li numru konsiderevoli ta' kotba li wieħed isib fiha issa għandhom ċerta żmien, pero' b'ħeġġa u mpenn għandu jirnexxielna nerġaw nifthuha b'kotba maħruġa riċentament għall-użu ta' min ikun qed jitħarreġ fl-Akkademja.

Kif rajna is-sena 2010 kienet waħda mpenjattiva ferm għall-Akkademja tal-Pulizija u matul is-sena li ġejja bi ħsiebna nkomplu nimpenjaw ruħna aktar ħalli nkomplu ngħollu l-livell tal-Akkademja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.



# Firxa Professjonali ta' Bonds Lokali

## La Valette Malta Bond Fund

**3.73%***

- *Dħul mill-assi b'interess fiss fil-31 ta' Ottubru 2010
- Firxa – Portafoll ta' Bonds Lokali
- Klassi ta' Ishma – *Accumulator* jew *Distributor*
- Aċċess – Għandek aċċess għall-investiment tiegħek f'qasir żmien

Il-passat mhux garanzija tal-futur.



VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group
Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, Fergħat tal-BOV f'Malta u Għawdex u Intermedjarji Finanzjarji Liċenzjati

*Dħul mill-assi b'interess fiss fil-31 ta' Ottubru 2010. Dan id-dħul li huwa d-dħul iġġenerat mill-assi tal-Fond relatat mal-valur tagħhom jew tas-suq, kif ukoll il-frekwenza li fih il-Fond mistenni jħallas jistgħu jvarjaw u m'humiex garantiti.

Il-valur ta' l-investiment jista' jitla' kif ukoll jinżel u l-ispejjeż inizzjali jistgħu jbaxxu l-valur meta l-investiment jissarraf. L-investiment għandu jsir wara li jinqara l-Prospett li jista' jinkiseb mill-Valletta Fund Management Limited ('VFM'), mill-Fergħat tal-Bank of Valletta u mill-intermedjarji finanzjarji liċenzjati. Il-VFM hija liċenzjata biex tipprovdi Servizzi ta' Investiment f'Malta mill-MFSA. Il-La Valette Funds SICAV plc hija liċenzjata mill-MFSA. Dan l-avviż inħareġ minn VFM, TG Complex, Suite 2, Level 3, Brewery Street, Mrieħel BKR 3000. Tel: 21227311, Fax: 21234565, E-mail: infovfm@bov.com, Websajt: www.vfm.com.mt Sors: VFM

# Il-missjoni EULEX: Ħidma kontinwa fiż-żamma tal-ordni - l-ħarsien tal-liġi u l-ġlieda kontra il-kriminalita' organizzata fil-Kosovo.






Il-missjoni EULEX fil-Kosovo, li xogħolha hu li tara li tinżamm l-ordni u jitħarsu l-liġijiet f'dan il-pajjiż, dan l-aħħar kellha diversi suċċessi fil-ħidma tagħha kontra l-kriminalita' organizzata u dik finanzjara. L-operazzjonijiet kollha li twettqu f'diversi reġjuni madwar il-Kosovo kienu kollha mmexxija mid-dipartiment ta' fejn jiena stazzjonat fi ħdan il-missjoni, jiġifieri l-*iSpecial Police Department,* l-SPD, flimkien mal-Pulizija lokali (taqsima speċjali) tal-Kosovo. Dan kien kollu jinvolvi s-sehem ta' diversi taqsimiet fi ħdan l-SPD, jiġifieri t-taqsima tal-klieb Eulex (K9), it-taqsima speċjali Eulex, *Special Intervenion Unit* (SIU), u taqsima tal-isplussiv Eulex (EOD). F'dawn l-operazzjonijiet li saru b'suċċess u li taw il-frott mixtieq, fejn ġew arrestati diversi persuni u fi tfitxijiet li saru f'postijiet differenti madwar ir-reġjuni tal-Kosovo nstabu u ġew sekwestrati diversi oġġetti, fosthom għadd konsiderevoli ta' armi u munizzjon, fosthom pistoli ta' kalibru kbir, għadd ta' AK-47's, diversi tipi ta' *hand grenades* ta' għamliet differenti, *molotov cocktails* lesti sabiex jintużaw mill-kriminali, għadd ta' materjal splussiv, ammont kbir ta' flus kontanti u diversi tipi ta' drogi differenti. Jien stazzjonat fl-SPD fil-kariga ta' *International Police Driver* bħala xufier, kemm ta' vetturi armati (B4 U B6) level u oħrajn li m'humiex u jintużaw għal għanijiet differenti fil-missjoni.

Dan l-aħħar bħala parti mix-xogħol tiegħi fi ħdan din il-missjoni kelli nivjaġġa, din id-darba mhux bħas-soltu fuq l-art, iżda fuq titjira ta' rutina u sorveljanza mill-ajru permezz ta' helikopter tal-missjoni stess. Il-helikopter li ntuża' kien tat-tip *Super Puma* li jista' jieħu sa tlettax-il passiġġier, minbarra l-pilota u l-ko-pilota.

It-titjira saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Settembru, 2010, u abbord konna diversi uffiċjali tal-Pulizija minn taqsimiet differenti tal-missjoni. Tlaqna filgħodu kmieni mas-sebħ mill-bażi tagħna fil-kapitali Pristina. Minn hemmhekk tirna lejn in-naħa ta' fuq tal-pajjiż, jiġifieri lejn ir-reġjun ta' Mitrovica li jinsab eżatt mal-fruntiera tas-Serbja. Il-popolazzjoni f'dan ir-reġjun kważi hi kollha Serba u għalhekk mill-ewwel wieħed jifhem li din hi żona taħraq u sensittiva ħafna, tant li hi klassifikata bħala medium life risk area. Matul it-titjira l-helikopter ittajjar fil-baxx, f'għoli li ma kienx jaqbeż il-ħames mitt pied. Dan seħħ billi riedu jittieħdu diversi ritratti mill-ajru għal operazzjoni li kienet qed tiġi ppjanata f'dak ir-reġjun kontra il-kriminalita' organizzata.

# Your old radio is just History!



# Step into the future with Digital Radio*...

*Digital radio is the future of radio broadcasting. DAB is interference free and features a wide and varied choice of stations. If you live in a poor signal area where the FM signal is barely audible, then DAB can offer you better reception. With the right kind of tuner, you can receive a choice of stations without hiss or fade unlike conventional FM and AM receivers. DAB offers listeners much more choice of programmes from rock, pop, classical and easy listening to spoken word, news and more. So whatever your mood, there is always something on DAB for you. Digital Radio is the new way to tune into your favourite stations.*

*Offering an exceptionally high sound quality, digital radio offers a host of exciting features to enhance the listening experience. These include: access to scrolling text giving program information, track listings, news headlines and weather reports, a wider choice of shows and program highlights, radios that tune by station name not frequency; making it easy to find favourite stations. We at Digi B Network have selected DAB+, as the most suitable and efficient transport method for Malta. In fact, Digi B Network is proud to be associated with the first nationwide roll out of the latest DAB+ multiplex.*

*Experience a wider choice of radio stations by tuning to DAB+ & enjoy the following stations: • 89.7 Bay • Radio 101 • Smash Radio • Magic • Campus FM • Radio Calypso • RTK • XFM (London) • Rai Stereo 1 • Rai Stereo 2 • Rai Stereo 3 • Mojo • Past Magic • BBC WS • Black Magic Radio • Radio Cuore D'Italia • Italo Magic • The Riff • The Groove • PUMP • Top 40 Hits • Top Hits Radio • Mix 1 • Fun Radio and many more...*

*For more info email:* ***info@digibnetwork.com***

** a DAB+ radio is required to be able to receive the services*

*log on to* ***www.dab.com.mt*** *today!*

DigiBNETWORK

Mitrovica għandha żewġ postijiet minn fejn wieħed jista' jidħol għaliha jew joħroġ minnha. Dawn huma magħrufa bħala Gate 1 u Gate 31 u f'dawn iż-żewġ postijiet wieħed josserva li hemm sigurta' kbira u huma mgħassa sew bil-lejl u bi nhar, kemm mill-uffiċjali tal-Pulizija fil-missjoni EULEX Kosovo kif ukoll minn suldati li jiffurmaw parti mill-KFOR Kosovo, li hi forza militari internazzjonali li twaqqfet min-NATO.

L-ewwel destinazzjoni tagħna kienet Gate 1 li tinsab fil-għoli qalb il-muntanji u l-għoljiet. Mal-wasla tagħna hawnhekk, il-helikopter niżel l-art għal waqfa ta' madwar sagħtejn. Hemmhekk stajt nara u nammira s-sbuħija tan-natura li teżisti f'dan il-pajjiż li hu tant sinjur f'dan l-aspett, ħaġa li f'art twelidi minħabba l-limitazzjoni tal-ispazju m'inix ser insib u nara. Hemmhekk ħadna xi ritratti kemm tal-veduti sbieħ u naturalment anke tal-grupp li konna abbord il-helikopter biex jibqgħu tifkira ta' dik il-ġurnata. Miż-żona ta' Gate 1 tirna fid-direzzjoni tat-tieni waqfa tagħna, jiġifieri Gate 31. Kif inżilna l-art hemmhekk, ix-xeni li rajt tan-natura kienu isbaħ mill-ewwel waqfa tagħna, peress li hawnhekk hawn għadira kbira bl-isem Gazivoda Lake. Hemmhekk kellna l-opportunita' ninżlu sa ħdejn l-għadira peress li l-helikopter niżel maġenbha. Ma naqasx li nieħdu xi ritratti wkoll hawnhekk ta' natura li tħallik titpaxxa bil-kobor u s-sbuħija tagħha.

Kienet tassew sorpriża għalina li kif tirna biex naqbdu t-triq lura lejn il-bażi tagħna fi Pristina, il-helikopter ittajjar it-tul kollu tal-għadira Gazivoda fil-baxx ħafna, f'għoli ta' madwar 15/20 pied minn wiċċ l-ilma. Peress li l-bibien tal-helikopter kienu miftuħa miż-żewġ naħat tiegħu tul it-titjiera kollha, li għall-ewwel ħsibt li konna ser ninżlu fl-ilma. Madankollu kif qbiżna din l-għadira



l-helikopter beda jitla' aktar fil-għoli li għalkemm xorta minn pożizzjoni tajba ħafna biex ingawdu mill-ajru n-natura sabiħa ta' dan il-pajjiż. Din it-titjira waslitni biex napprezza aktar kemm il-Kosovo għalkemm pajjiż fqir materjalment u mifni b'inkwiet intern u għadu lura f'dak li għandu x'jaqsam ma' infrastruttura, żgur li hu sinjur għall-kampanja u l-ġmiel naturali. Għalija din kienet ġurnata speċjali li se tibqa' f'moħħi ħajti kollha għal żewġ raġunijiet: l-ewwelnett għax jiena dilettant kbir tal-helikopters u t-tieni għal fatt li ngħatajt l-opportunita' li naqta' ftit mix-xogħol ta' kuljum fil-kapitali tal-Kosovo u mill-ajru napprezza s-sbuħija naturali ta' dan il-pajjiż tant sabiħ.

**Saħħiet u tislijiet mill-Kosovo.**

*PC 40 Raymond Saliba ilu sena u nofs jagħti servizz barra minn Malta fejn qed jirrappreżenta lill-Korp tal-Pulizija fi ħdan il-missjoni EULEX Kosovo. Huwa ngħaqad f'din il-missjoni tal-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Lulju, 2009, bit-terminu tiegħu jerġa' jiġi mġedded għal sena oħra.*



# Il-Parteċipazzjoni tal-Banda tal-Pulizija u l-Precision Drill Team waqt in-Notte Bianca u l-Military Tattoo




L-aktar xhur impenjattivi matul is-sena għall-Banda tal-Korp tal-Pulizija huma bla dubju ta' xejn Lulju, Settembru u Ottubru.

Waqt in-Notte Bianca, li saret fil-25 ta' Settembru, 2010, il-Banda bdiet b'marċ minn quddiem Kastilja għal diversi toroq li jwasslu quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn hemmhekk esegwiet kunċert mużikali. Jakkumpanjaw il-Banda kien hemm Thea Garret u Ludwig Galea.

Waqt din l-attivita' kienu mżanżna leġiji tal-mużika ġodda kif ukoll sett wind chimes li huma strument tal-perkussjoni. Il-Banda żanżnet ukoll sett dress cords ġodda minn lewn il-fidda fuq l-uniformi.

F'nofs il-kunċert kien hemm ukoll żjara mill-Prim Ministru w s-Sinjura tiegħu li kienu qegħdin iduru l attivitajiet li kien hemm il-Belt f'dik il-lejla.

Bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru, 2010 waslet il-parteċipazzjoni ta' avveniment li daħal sew fil-kalendarju kulturali Malti – l-Malta Military Tattoo. Dan l-avveniment bla dubju ta' xejn jirrikjedi dedikazzjoni u sagrifiċċji kbar għax mhux biss ikun hemm parteċipazzjonijiet minn baned Maltin, imma jkun hemm ukoll dawk barranin, fejn il-livell huwa kemmxejn għola.

Bħas-snin imgħoddija ta' parteċipazzjoni, l-Banda tal-Korp tal-Pulizija ħarġet bl-unuri kollha fejn kienet milqugħa b'ċapċip kemm minn nies preżenti kif ukoll mill-parteċipanti l-oħrajn. Ta' unur u kuraġġ għal membri kollha tal-Banda kien li jsegwu dan l-avveniment kien hemm il-Kummissarju John Rizzo u d-Deputat Kummissarju Joe Cachia flimkiem mal-familjari tagħhom u bosta membri oħra tal-Korp.

Għall-ewwel darba waqt il-parteċipazzjoni tal-Banda tal-Pulizija kien hemm show bid-dwal li kien taħt ir-responsabbilta' tal-Kuntistabbli 75 Kevin Saliba. Wieħed ma jistax ma jirringrazjax lil PC Saliba li ħa ħsieb is-sound li kien strumentali sabiex il-mużika tinstema' kif suppost.

Wieħed ma jistax ma jsemmix il-bosta kummenti ta' inkoraġġjament li waslu mingħand il-pubbliku, li ftit minnhom ħassejna li kellna naqsmuhom ma' kulħadd:

- Prosit tal-korjografija, l-għażla ta' mużika kif ukoll għall-ħoss sabiħ tal-Banda. Ibqa' agħfas fuq id-dinamika. Rajt improvement kbir mix-shows l-oħra;
- Il-ħoss tal-Banda qatt ma nstema' tajjeb daqs illum u kellkom qawwa impekkabbli b'show impressjonanti;
- Prosit tassew. Good performance u perfect drill and excel-




# THE ECCO SOLUTION:

vibram®



Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our current seasonal collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT
ecco®

# Designing Lifestyles

## fine quality

wallunits





bedrooms

ulf furniture

**Ultralux Furniture Ltd.,**
27, Industrial Estate, Luqa LQA05 - Malta
Tel\Fax: 21 250 398 • Email: ulf@maltanet.net

**Unique Design** | **Fine Quality**

***All our furniture is manufactured locally.***

lent show – Banda intonata tajba ħafna u good work. Keep it up; u

• Prosit kbira tas-show li tajtu nhar is-Sibt f'Ta' Qali

– Performance brillanti u kontu vera smart u ħarġet id-dedikazzjoni lejn il-Korp. Keep up the good work – God bless you for the beautiful music.

Grazzi lill-Bandisti tagħna, lil kull min għen u lil kull min għamlilna kuraġġ b'xi mod jew ieħor sabiex inkomplu fit-triq li qbadna.

DOMINE DIRIGE NOS.



# Il-Precision Drill Team fil-Military Tattoo



Bħal fis-snin l-imgħoddija l-Precision Drill Team tal-Pulizija pparteċipa fis-sebgħa edizzjoni tal-Malta Military Tattoo li sar f'Ta' Qali. Għal din is-sena l-Precision Drill Team introduċa solo display ġdida fejn żewġ azzarini 303 Lee Enfield bil-bajunetta mwaħħla ntefgħu fl-għoli minn żewġ membri f'distanza konsiderevoli għal għand żewġ membri oħra, bl-azzarin jgħola u jdur minn fuq ras diversi membri oħrajn distakkati minn xulxin.

M'hemmx xi ngħidu li din kienet manuvra pjuttost riskjuża u dawk kollha li ħadu sehem fiha ħaqqhom tifħir għall-kuraġġ li wrew waqt din l-esebizzjoni.




Ma ninsewx li għalkemm dawn il-manuvri jkunu ġew ipprattikati diversi drabi, l-element ta' eċċitament quddiem pubbliku numeruż, l-ilbies tal-uniformi bil-beritta u l-ingwanti, u dwal artifiċjali b'effetti li jinbidlu l-ħin kollu għall-atmosfera, xejn ma jagħmlu tali esebizzjoni faċli. Ma ninsewx ukoll li l-azzarini li nużaw m'huma bl-ebda mod alterati u t-toqol tagħhom huwa wieħed konsiderevoli.

Iżda bħas soltu l-membri tat-Tim qamu għall-okkażżjoni u taw wirja sinkronizzata li paxxiet lil dawk preżenti u ħaqqhom prosit.

Prosit ukoll tmur għall-kollegi l-oħra tagħna li jiffurmaw il-Banda tal-Pulizija li ħadu sehem fit-Tattoo magħna u li bħas-soltu qatgħu figura tajba ħafna huma wkoll biex flimkien erġajna wrejna x'elementi joffri l-Korp minkejja li xogħolna mhux dejjem jippermettilna nitħarrġu f'tali esebizzjonijiet ta' spiss.


SATARIANO
...for living and for life
SATARIANOHOME
kitchens & bathrooms
122, Valley Road, B'Kara
furniture & accessories
Marina Street, Pietà

# Taħriġ minn Pulizija Torka (TADOC) lill-membri tal-SAG u l-instructors tal-Akkademja tal-Pulizija



Bejn it-18 u d-29 ta' Ottubru, 2010, ġewwa l-kumpless tal-SAG ġewwa Ta' Kandja sar kors intensiv ta' taħriġ ta' sparar minn tlett instructors tal-Pulizija tat-Turkija. F'dan il-kors 12-il membru tal-Korp, li kienu jikkonsistu f'disa' Pulizija, fosthom erba' instructors mill-iskwadra tal-SAG u tlieta tal-isparar mill-Akkademja tal-Pulizija tħarġu fl-użu tal-armi tan-nar.

Minbarra lezzjonijiet tat-tejorija, l-Pulizija tħarġu f'dak li hu msejjaħ *dynamic shooting* li jinvolvi sparar waqt miexi jew ġiri, sparar f'każ ta' theddid ta' ostaġġi jew f'sitwazzjonijiet ta' attentati terroristiċi, kif ukoll *Close Quarter Combat* li jikkonsisti f'azzjonijiet ta' użu ta' armi tan-nar ġewwa ambjent urban u bini.

It-taħriġ sar kemm bl-użu ta' pistoli kif wkoll ta' *sub-machine guns*.

Fi tmiem il-kors tqassmu ċ-ċertifikati mill-instructors Torok fil-preżenza tal-Assistent Kummissarju Josie Brincat, responsabbli mis-Servizzi Protettivi, li taħtu taqa' r-responsabilta' tal-SAG, is-Supretendent Marco Mallia, inkarigat mill-SAG, u s-Superintendent Mario Spiteri min-naħa tal-amministazzjoni tal-Korp.

# CNBC WORLD CREW AT DELICATA

A CNBC World film crew recently spent some 7 hours filming at the Delicata winery and at the company's wine festival at the Upper Barrrakka garden in Valletta, during a recent visit to Malta. The film crew, who arrived on the Holland America cruise liner, were filming a new wine, food and travel series for the Wine Portfolio programme presented by TV host Jody Ness. The programme which will be aired on CNBC World four times a week later in the year, is watched by over 88 million viewers in the US and 330 million people worldwide.

Jody Ness together with Kevin Fox, President & CEO of Re: Source Media inc and John Primeau the Public Relations Manager of Holland America Line were welcomed to the wine festival on Sunday night by Michael Delicata who had coordinated the visit.

The following morning the CNBC film crew visited the Delicata winery on Paola waterfront where Bill Hermitage, Delicata's Director of Sales & Marketing, escorted Jody Ness and his team through the grape receiving area and Delicata's new fermentation hall before tasting wines from both the tanks and French oak barrique.

Mr Ness was particularly interested in the wines made from Malta's two indigenous grape varieties and particularly liked the Girgentina and Ġellewża Frizzantes. He also passed very favourable comments on other wines made from the international varieties such as the two I.Ġ.T. Maltese Islands Maltese Falcon red and Pjazza Reġina red as well as the three D.O.K. Malta Medina Vermentino Zibibbo and the barrel matured Gran Cavalier Merlot and Syrah wines. This year's Delicata wine festival, which broke all previous attendance records on all 4 nights of the event, was highly praised by the CNBC news team who stated that they had been caught totally by surprise, both by the quality of the Delicata wines and the atmosphere of the festival itself. They also commented on what a great showcase the festival is for Maltese wines and how unique and impressive such an event is, especially being that it is all organised by one single producer at such an exclusive venue.

After his visit the TV host of CNBC Worlds Wine Portfolio programme posted these comments on his Facebook page: "While in Malta, we attended Delicata's annual 'Classic Wine Festival 2010' WHAT an amazing night. The bands, the food, the venue and of course the wines. I have to say Malta absolutely makes great wines".




Respect your tastebuds.
Heineken®
Heineken
HEINEKEN LAGER BEER
Heineken
PREMIUM QUALITY
enjoy responsibly
Information?
Heineken.com

# Żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija jingħataw rikonoxximent f'Jum Ħal Qormi.

Nhar il-25 ta' Mejju, 2010 f'Ħal Qormi bħal kull sena ġie ċċelebrat Jum Ħal Qormi. Okkażjoni biex fost raġunijiet oħra, tikkomemora l-267 Anniversarju minn meta fl-istess jum tal-25 ta' Mejju tal-1743, is-Sultan ta' gżiritna, l-Gran Mastru Fra Emanuel Pinto de Fonseca kien għolla l-art ta' Ħal Qormi għad-dinjita' ta' Belt u tagħha l-istess isem tiegħu ta' *Citta Pinto*.





B'dan id-digriet, Ħal Qormi beda jitqies bħala l-ewwel Belt rurali jew tal-kampanja, kif kienu magħrufin l-inħawi tal-gżejjer tagħna fi żmien l-Ordni.

Lejn tmiem din is-serata, li l-milja tagħha ntlaħqet bl-għoti tal-unur 'Ġieh Ħal Qormi', żewġ membri tal-Korp li jservu f'din il-lokalita' u li huma ukoll ulied l-istess Belt ingħataw l-unur 'Għarfien il-Ħila'. Dan kien jimmerita' lilhom għal fatt hekk kif ġie deskritt mill-istess Kunsill organizzattiv, minħabba li taw servizz li permezz ta' hekk marru 'l fuq mid-dmirijiet tagħhom normali tax-xogħol, għal dak li hu deskritt lilhom.

Is-Surġent 1133 Joe Borg ingħata dan l-unur bħala l-persuna li ħa l-inkarigu personali sabiex xelter ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, b'karatteristiċi ewlenin li jinsab taħt l-Għassa tal-Pulizija jerġa' jinfetaħ wara tant snin minn meta spiċċat l-istess gwerra. Fuq inizjattiva personali u bl-għajnuna ta' oħrajn sar xogħol intensiv ta' tindif u manutenzjoni biex għal dawn l-aħħar tliet snin qed jinfetaħ għal wiri tal-pubbliku billi jiġi armat b'manekini, għodod u ħtiġijiet oħra tal-istess epoka, rappreżentazzjonijiet li jofru xenarji tipiċi għaż-żmien partikolari. Barra minn hekk, għal interess fir-riċerka relatata ma' dan is-sit u l-istorja, li għalkemm seħħet fi żminijiet u f'kuntesti differenti; xorta waħda għandha relazzjoni mal-post u l-inħawi.

Il-Kuntistabbli 1597 Alfred Chetcuti ġie rikonoxxut għal dan l-unur minħabba l-interess personali li dejjem wera fl-immaniġġjar u strateġiji, waqt l-attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill, festi taż-żewġ parroċċi u attivitajiet oħra tal-massa fl-istess lokalita' li jservi. Dawn issarfu f'effiċenzja u b'nuqqas ta' strapazz uman. Kienu dawn l-esperjenzi biex ġietu l-idea u eventwalment, il-proposta li waqt dawn l-attivitajiet jiġu nstallati plieri tal-ħadid temporanji, biex jitpoġġew u jerġġħu jinqalgħu skont il-ħtieġa tal-attivita'.

> *Minħabba li taw servizz li permezz ta' hekk marru 'l fuq mid-dmirijiet tagħhom normali tax-xogħol, għal dak li hu deskritt lilhom.*

Saż-żmien li qed insemmu, t-toroq kienu jiġu magħluqa fiżikament bl-istess membri tal-Korp li jkunu ordnati għal dik l-attivita', jew l-aktar b'xi barikati, li l-esperjenza wriet, li la darba jitħallew waħidhom kienu jitwarbu jew jinsterqu minn nies irresponsabbli. Din il-proposta tiegħu ġiet aċċettata b'mod pożittiv mill-awtoritajiet tal-Korp u l-Kunsill Lokali. B'hekk, fi żmien qasir bdejna naraw it-toroq f'Ħal Qormi, waqt dawn l-attivitajiet magħluqin u mmaniġġjati b'din is-sistema moderna li kien ipprovda l-istess Kunsill Lokali.

Minn dik l-istess sena ta' prova (2004), stajna naraw l-immaniġġjar tat-traffiku u t-tqassim tar-riżors uman b'mod aktar effettiv, waqt li żdiedet aktar il-preżenza tal-Pulizija f'postijiet aktar utli waqt l-istess attivitajiet. Din l-inizjattiva dehret li ntgħoġbot minn lokalitajiet oħra, minħabba l-fatt effiċjenti u ekonomiku tagħha u bdew jaddottaw l-istess sistema. B'sodisfazzjon, ma' dawn, għax kif ngħidu 'li l-eżempju jkaxkar', bdejna naraw din is-sistema użata ukoll minn organizazzjonijiet oħra waqt attivitajiet simili.


DEDICATED MICROS
SURVEILLANCE TECHNOLOGY FOR THE WORLD
For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.
• Casino and Online Gaming
• Banking
• Small, Medium to Enterprise Solutions
• Law Enforcement
• Transportation
The ability to deliver live and recorded video straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in the system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to other areas of the organisation.
www.dedicated micros.com
DEDICATED MICROS MALTA
BLB017, Bulebel Industrial Estate, Zejtun – ZTN 3000. Malta
Tel: +356 2381 9238 / +356 21483 673
Fax: +356 21449 170 • Email: sales@dmicros.com.mt
WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·2 WINNER
DEDICATED MICROS

# Żjara minn membri tal-IPA Sezzjoni Brabant (Brussell)

Joseph Mamo Teżorier tal-IPA Malta



Matul ix-xahar ta' Settembru lqajna fostna grupp ta' 31 kollega mill-IPA Sezzjoni Brabant (Brussell), immexxija mill-President tas-Sezzjoni Michele DeMulder.

Mal-wasla tagħhom fl-ajruport ta' Ħal Luqa dawn ġew milqugħa minn membri tal-IPA Sezzjoni Malta, fosthom il-President Dione Bugeja, l-ko-ordinatur taż-żjara Romeo Micallef, u l-A.C. Dr Antoine Casha. Dan tal-aħħar kien ħadem għal ħames snin ġewwa Brussell fejn sar ħabib ta' Michele. Kif jiġri fi żjarat oħra bħal dawn li jkollha l-IPA Malta minn żmien għal żmien, ġie pprepparat programm mimli ħarġiet kulturali f'postijiet storiċi; waħda minnhom kienet in-Notte Bianca fil-Belt Valletta. Hemmhekk il-ħbieb tagħna setgħu jaraw il-Police Precision Drill Team u l-Banda tal-Pulizija, waqt li kellhom ukoll l-opportunità jiltaqgħu mal-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi. Madankollu l-qofol tal-avveniment kien il-laqgħa mal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta Dr George Abela fil-Palazz Presidenzjali l-Belt. Il-grupp kien immexxi minn Dione Bugeja, Romeo Micallef u t-teżorier tal-IPA Malta Joseph Mamo. Wara l-indirizz tiegħu lill-President, Dione rringrazzja lill-Eċċellenza Tiegħu talli aċċetta din iż-żjara li għandha sservi biex issaħħaħ ir-rabtiet tajbin bejn iż-żewġ sezzjonijiet. Min-naħa tiegħu Michele irringrazzjah għal darba oħra talli laqagħhom waqt li radd ħajr lis-Sezzjoni Maltija għall-arranġamenti eċċellenti tagħha. Fi tmiem il-laqgħa l-President ġie mogħti tifkira tal-okkażżjoni u ttieħed ritratt tiegħu mal-grupp kollu. Mill-Belt il-ħbieb tagħna ttieħdu lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana fejn kellhom laqgħa kordjali mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo. Hemmhekk laqagħhom għal riċeviment fl-Officers' Mess flimkien m'uffiċjali oħra. Hu spjegalhom fuq l-organizzazzjoni tal-Pulizija Maltija u tagħhom tagħrif dwar il-bini storiku tal-Kwartieri. Hawnhekk ukoll ingħataw rigali għall-okkażżjoni u l-laqgħa kkonkludiet bi stedina fil-mużewijiet tal-Pulizija.

*Wara l-indirizz tiegħu lill-President, Dione rringrazzja lill-Eċċellenza Tiegħu talli aċċetta din iż-żjara li għandha sservi biex issaħħaħ ir-rabtiet tajbin bejn iż-żewġ sezzjonijiet.*


GLOCK®
PERFECTION
SPECIAL OFFER ON ALL GLOCKS
TO ALL POLICE OFFICERS
fieldsports
FIREARMS & AMMUNITION
17 Parish Square, Mellieha MLH1070
Tel 21522602, Mob 99458801
email info@fieldsportsmalta.com
www.fieldsportsmalta.com

# Is-Seba' Distrett

Surġent 101 Roberta Grima

Is-seba' Distrett jaqa` taħt Reġjun B u għandu bħala main station l-Għassa tal-Ħamrun jew aħjar, il-"P" Division. Taħt din id-divizjoni jaqgħu l-għases tal-Marsa, l-Pieta` u Santa Venera. L-Għassa tar-Rabat, li hija ukoll sub-station, hija Division Q u taħtha għandha l-għases ta' Ħad-Dingli u l-Imdina.

Barra minn dawn l-irħula u bliet, is-seba' Distrett għandu taħtu Gwardamanġia u Ta' Qali. Dawn iż-żewġ lokalitajiet, għalkemm differenti fin-natura tagħhom, iġorru magħhom ħafna xogħol. Fi Gwardamanġia nsibu l-Isptar San Luqa, d-Detox u l-Bank tad-Demm fost oħrajn.

Dawn ir-responsabbilitajiet jaqgħu taħt l-Assistent Kummissarju Raymond G Zammit, li hu nkarigat minn Reġjun B. Is-Sur Zammit daħal fil-Korp tal-Pulizija bħalha Kuntistabbli fl-1976 u kellu n-numru 442. Wara erba' snin laħaq Surġent. Fl-għaxar snin li għamel Kuntistabbli u Surġent, is-Sur Zammit kien stazzjonat f'diversi Distretti, s-CID u diversi branki ta' sigurta'. Fl-1987 ġie promoss għal Spettur u serva kemm f'divizjoni 'L' kif ukoll l-SAG. Bejn l-2000 u l-2003 huwa ġie appuntat Deputat Kmandant tal-Akkademja u wara ġie trasferit it-Traffic Branch, fejn baqa` stazzjonat hemm sakemm is-sena l-oħra, laħaq fir-rank preżenti.

Is-Sur Zammit huwa assistit minn Supretendent. Is-Sur Carmelo Magri, ingħata l-inkarigu tas-Seba' Distrett meta ġie promoss fir-rank ta' Supretendent is-sena l-oħra. Is-Supretendent Magri daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala Kuntistabbli fl-1986 u għall-ewwel kien stazzjonat il-Principal Citations Office (PCO) u kellu n-numru 352. Wara tliet snin iservi fil-PCO, SB u d-Distrett huwa ġie promoss għar-rank ta' Surġent. Għal tmien snin is-Sur Magri kien stazzjonat f'diversi distretti fosthom il-Belt Valletta. Fl-1997, fir-rank ta' Spettur ġie stazzjonat fi skwadra - fil-Criminal Investigations Department jew aħjar kif inhi magħrufa is-CID.

Jassistu lis-Supretendent Magri hemm tliet spetturi. L-Ispettur Ramon Mercieca, inkarigat mill-Għassa tal-Ħamrun, l-Ispettur Joseph Agius, inkarigat mill-Għassa tal-Marsa u l-Ispettur Robert Vella li jieħu ħsieb dik tar-Rabat.

Is-Supretendent u l-Ispetturi ma jistgħux jaħdmu kieku ma jkollomx l-għajnuna tal-erbatax–il surġent li għandhom, li min-naħa tagħhom ma jistgħux jaħdmu mingħajr l-erbgħa u sebgħin Kuntistabbli stazzjonati fid-Distrett. Dawn huma mqassmin f'roster magħmula mis-Surġent-Maġġur Mario Rotin. Ix-xogħol li jagħmel dan it-tim jidher biċ-ċar fl-istatistika t'hawn taħt:

| 2009 Table | Total |
|---|---|
| Numru ta' TOT's maħruġa | 4,058 |
| Numru ta' affidavits maħruġa | 4,008 |
| Numru ta' persuni arrestati | 141 |
| Numru ta' charges fuq tipjip | 98 |
| Numru ta' charges fuq prostituzzjoni | 11 |
| Numru ta' spezzjonijiet – | |
| Place of entertainment & Wines and Spirits | 335 |
| Persuni mressqa l-Qorti (Kumpilazzjoni) | 80 |
| Persuni mressqa l-Qorti f'seduti | 708 |
| Persuni mressqa l-Qorti f'seduti – fuq il-persuna | 480 |
| Persuni mressqa l-Qorti f'seduti – fuq ordni pubblika | 337 |
| Persuni mressqa l-Qorti f'seduti – fuq propjeta | 50 |
| Persuni mressqa l-Qorti f'seduti – fuq traffiku | 55 |
| Numru ta' fixed points | 1,377 |
| Numru ta' roadblocks | 102 |
| Numru ta' liċenzji ġodda maħruġa mill-Uffiċċju | 3,483 |

Barra minn hekk, dan id-Distrett fl-2009 investiga 107 każi ta' feriti fuq il-persuna (bodily harm), 39 każ ta' vjolenza domestika, 21 każ ta' drogi, 23 każ ta' frodi, 5 offizi sesswali, 27 każ ta' vjolenza kontra uffiċjal pubbliku u 474 każ ta' serq – 4 minnhom serqiet armati.

Dan id-Distrett iddistingwa ruħhu darbtejn dawn l-aħħar snin meta eċċella u naqqas ir-rata ta' kriminalita`. Fl-2007 id-Distrett tal-Ħamrun u r-Rabat ġie ppremjat talli fl-2006 irnexxielu jnaqqas ir-rata tal-kriminalita` b'aktar minn 22%. Fl-2009 imbagħad il-Pulizija tad-Distrett Seba' ingħataw shield talli fl-2008 naqqsu din ir-rata b'21.96%. Suċċess mistħoqq sew għall-ħidma li għamlu matul is-snin.

Id-Distrett numru Seba' għandu lokalitajiet li magħhom iġibu bosta commitments. Kif qalulna kemm is-Sur Zammit u s-Sur Magri, Ta' Qali, għalkemm lokalita` li ma jgħixhux nies fiha, iżuruha eluf ta' persuni matul il-ġimgħa kollha. Iż-żjarat f'din il-lokalita' jvarjaw. L-ewwel li jiġina f'moħħna huwa l-futbol peress li f'Ta' Qali hemm l-Istadium Nazzjonali u s-Centenary Stadium, li huma sports grounds skedati fil-liġi. Iżda l-futbol mhux l-unika sports li jiġi pprattikat f'Ta' Qali. Il-basketball, tlielaq tal-bangers u muturi, titjir ta' mudelli tal-ajurplani kif ukoll fitness huma fost l-isport li jiġi pprattikat f'din il-lokalita`.

Il-grounds joħolqu problema u taħbil il-moħħ. Meta jkun organizzat logħob bħal futbol, l-ewwel biċċa xogħol hija għas-Surġent-Maġġur li jrid joħroġ id-detail b'ammont ta' Pulizija biżejjed sabiex kollox jimxi ħarir. Wara dan il-proċess tibda l-parti stressanti – il-logħob. Ħadd ma jkun jaf x'ħa jiġri waqt

> *Dan id-Distrett iddistingwa ruħhu darbtejn dawn l-aħħar snin meta eċċella u naqqas ir-rata ta' kriminalita`. Fl-2007 id-Distrett tal-Ħamrun u r-Rabat ġie ppremjat talli fl-2006 irnexxhielu jnaqqas ir-rata tal-kriminalita` b'aktar minn 22%.*

il-logħob. Għalkemm tista' tipprevedi li jekk jilgħabu ċertu tims, it-tensjoni fil-logħba tkun f'livell iktar għoli. Fl-aħħar mill-aħħar ħadd ma jkun jaf x'ħa jseħħ, jekk hux ħa jinqalgħu inċident jew jekk hux ħa jweġġa' xi Pulizija.

Barra mill-grounds, f'Ta' Qali insibu klabb li fih jattira folol kbar ta' nies speċjalment fis-sajf li joffri divertiment lil folla kbira ta' żgħażagħ sas-sigħat bikrin ta' filgħodu. Minn żmien għal żmien, dan it-tip ta' divertiment jiġi organizzat ukoll fiċ-Ċentru għal Fieri u l-Konvenzjonijiet, fejn jiġu organizzati diversi parties u kunċerti li għalihom ikun hemm folla varjata iżda dejjem numeruża. Wieħed mill-kunċerti li kien organizzat dan l-aħħar – "Rockestra" – kellu attendenza ta' aktar minn għaxart elef persuna. Attendenza pożittiva għal organizzaturi, iżda uġigħ ta' ras għall-Pulizija, meta wieħed jirrealizza li dawn in-nies kollha jridu jkunu kollha fl-istess lok, kollha fl-istess ħin. Is-Sur Magri qalilna li din l-attivita` riedet pjan ta' traffic management intensiv. Hu rringrazzja anke lill-Pulizija tat-Traffic Branch għall-assistenza tagħhom biex kollox għadda b'wiċċ il-ġid.

Ta' Qali ma jfissirx sports u divertiment biss. Massa kbira ta' nies iżur din il-lokalita` għall-attivitajiet oħra. Mijiet ta' turisti jmorru l-Crafts Village kull ġimgħa, sabiex jaraw l-artiġġjanat Malti. Ħafna mill-ħwienet li nsibu fil-Crafts Village huma ħwienet tal-ġojjellerija. Dan iffisser superviżjoni u rondi kontinwi sabiex jiġu evitati r-reati li jattiraw lill-kriminal. Persuni oħrajn, ħafna minnhom familji jżuru n-National Park, il-Mużew tal-Ajruplani, l-monti, l-Farmers Market u ċ-Ċentru San Franġisk.

Swali tat-tieġ, għelieqi u raba' u ż-żoni turistiċi fl-Imdina u r-Rabat ikomplu jżidu max-xogħol tal-Pulizija. Ilkoll nafu li fejn hemm area ta' raba' u għelieqi, magħhom issib bosta rapporti, li għalkemm ħafna jistgħu jkunu ta' natura ċivili, l-Pulizija xorta trid tieħu r-rapport tal-individwu fejn xi kultant, anke toħroġ xi akkużi – u dan dejjem skond in-natura tal-każ.

Il-festi ukoll huma "commitment" importanti li wieħed isib f'dan id-Distrett. Il-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun u l-festa tat-Trinita` fil-Marsa huma l-aktar tnejn importanti. Insibu ukoll il-festa ta' San Duminku li tiġbed lejha eluf ta' nies, fejn għal ġimgħa sħiħa n-nies tiddeverti bi kbir sew fejn jidħol briju kif ukoll xorb. L-Assistent Kummissarju saħaq li jkun qed jonqos jekk ma jsemmix il-laqgħat li hu u l-fizzjali tiegħu jkollhom kemm mal-għaqdiet u l-kumitati tal-festi kif ukoll mal-Kunsilli Lokali rispettivi. Dan kollhu jgħin biex il-jiem tal-festi jgħaddu b'wiċċ il-ġid – hekk kif iseħħ mal-irħula fid-Distrett – fosthom dawk tal-Imnarja u tal-Baħrija.

Kemm is-Sur Zammit kif ukoll is-Sur Magri saħqu li ġewwa l-Ħamrun jinsab ukoll l-element politiku peress li wieħed isib kemm id-Dar Ċentrali tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll il-Kwartieri Ġenerali tal-Partit Laburista. Dawn iż-żewġ postijiet jirrikjedu superviżjoni magħhom speċjalment meta jkunu organizzati xi attivitajiet.

L-uffiċċjali nkarigati minn dan id-Distrett qalulna kif f'lokalita` oħra li tmiss mal-Ħamrun – G'Manġia, hemm l-Isptar San Luqa, li għalkemm spiċċa s-servizz mediku minnu, għad baqa' xi parti minnu li qiegħed jopera. Superviżjoni frekwenti u mportanti ssir ta' kuljum maċ-ċentru tad-Detox, fejn kuljum jattendu bosta persuni sabiex jieħdu l-kura tagħhom mill-vizzju tad-droga. Is-Supretendent semmilna ukoll li l-preżenza tal-Pulizija hija kontinwa sabiex jekk ikun qed isir xi ksur ta' regolamenti jew liġijiet, dawn ikunu indirizzati mal-ewwel.

Meta tkellimt mas-Sur Magri fuq id-Diviżjoni tal-Ħamrun, dan qalilna ukoll bil-problemi relatati mat-traffiku, fosthom il-parking. Din hi problema li tinqala` f'kull belt u raħal fejn hemm attivita` kummerċjali. Ta' min isemmi ukoll iċ-Ċentru tal-Appoġġ li jirrikjedi preżenza tal-Pulizija waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tiegħu. Din il-preżenza hija meħtieġa peress li f'dan il-post jiġu trattati bosta każijiet soċjali ta' kuljum. Għaldaqstant bħala post, dan huwa wieħed kemmxejn jaħraq.

Meta mistoqsi fuq il-lokalita' tal-Marsa, kemm l-Assistent Kummissarju, kif ukoll is-Supretendent qalulna li l-preżenza ta' ċentru miftuħ fil-lokalita' li jospita 'l fuq minn elf persuna ġab miegħu aktar xogħol. Dan jiġri f'kull lokalita` u pajjiż li meta jkun hemm influss kbir ta' persuni ta' diversi kulturi wieħed irid iżid is-sorveljanza u r-rondi mill-Pulizija.

Sabiex l-illegalitajiet fil-Marsa jiġu ndirizzati, dan l-aħħar żmien inħolqot struttura – Għassa bi Spettur, Surġenti u Kuntistablijiet li permezz ta' vettura diviżjonali jagħmlu rondi u spezzjonijiet kif ukoll biex jirrispondu direttament għat-talbiet tal-pubbliku in ġenerali. Kif qalilna s-Sur Magri, dan l-eżerċizzju kellu response tajjeb kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-pajżan.

Problema oħra li ltaqgħu magħha l-uffiċjali ta' dan id-distrett hija t-tlajjar u tħajjir għal prostituzzjoni. Din il-problema ġiet indirizzata biex b'hekk ir-rata ta' dan ir-reat naqset ukoll.

Id-Diviżjon tar-Rabat iġib miegħu wkoll bosta "commitments" oħra. Taħt din l-Għassa jaqa' territorju kbir li apparti r-Rabat,

Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

# Get a FREE household gift with every €100 spent

from a selection of gifts at Park Towers Supermarkets





+

5 free (1.5L) soft drinks or 3 free packets of Kristal water

## DECEMBER OPENING HOURS

| | | |
|---|---|---|
| WEDNESDAY | 8TH | 9.00-18.00 |
| SUNDAY | 12TH | 9.00-16.00 |
| MONDAY | 13TH | 9.00-18.00 |
| SUNDAY | 19TH | 9.00-16.00 |
| FRIDAY | 24TH | 7.30-18.00 |
| FRIDAY | 31ST | 7.30-18.00 |

The Mall, Park Towers, St. Julians Tel: 2137 8520
Psaila Street, Santa Venera Tel: 2148 0807

Carrefour

Europe's leading supermarket chain.


travel money
Call 2576 2576 now
FEXSERV
TRAVEL MONEY
35 Currencies for 70+ countries
No Commission
Competetive rates
Free Buyback Guarantee
Free Air Miles
SAN GWANN | VALLETTA | ST. JULIAN'S | GZIRA | RABAT GOZO


One4all
GIFT VOUCHERS
The Perfect gift this Christmas
WIN €2000
One4all gift vouchers
Terms & Conditions apply
The gift that can be anything they want
ONE VOUCHER - HUNDREDS OF SHOPS - THOUSANDS OF CHOICES
Call 2576 5000 or visit
www.one4all.com.mt
for more information.
BUY THEM FROM
FEXSERV & MALTA POST
OR LEADING NEWSAGENTS
& AUTHORISED OUTLETS OR ONLINE

jinkludi Ħad-Dingli, l-Imdina, l-Buskett u l-Imtarfa. Fir-Rabat insibu żewġ klabbs; wieħed li jattira lejh bosta żgħażagħ, speċjalment fis-sajf u ieħor li jkun miftuħ is-sena kollha. Bħall-klabb li jinsab f'Ta' Qali, magħhom dawn iġibu x-xogħol, speċjalment dak relatat mal-immaniġjar tat-traffiku, li mhux dejjem huwa xi ħaġa sempliċi, speċjalment meta tara l-karatteristiċi tipiċi tas-sewwieq Malti.

Ir-raba u l-kampanja li nsibu f'dawn l-irħula jiġbdu lejhom bosta nies li għal tmiem il-ġimgħa jagħmlu picnics, campings u barbeques. Għalkemm il-poplu sar aktar edukat u konxju tal-ambjent, xorta waħda għadek issib ċertu nies li jiksru l-liġijiet in konnessjoni ma l-Att Dwar l-Iskart. Is-Sur Magri qalilna kif problema oħra li kellhom f'dan id-diviżjon kienet li ħafna nies kienu qed jorganizzaw ikliet għal madwar għoxrin persuna mingħajr ma kellhom il-permessi neċessarji fosthom dak tat-Trading Licence Unit u tal-Malta Tourism Authority. Din il-problema ġiet attakkata biex b'hekk dawn it-tip ta' ikliet illegali m'għadhomx isiru.

L-Imdina, li kienet il-belt kapitali ta' Malta qabel il-Belt Valletta, tattira lejha bosta viżitaturi. Is-Sur Zammit qalilna li għal dan il-għan, l-Għassa tal-Pulizija tibqa' miftuħa kemm jista' jkun ħalli tkun tista` toffri kull għajnuna jew informazzjoni li l-Pulizija tiġi mitluba mit-turisti. L-AC kompla billi qal li barra minnhekk il-Pulizija assenjati f'din l-Għassa jiġu mitluba u inkoraġuti biex kemm jista` jkun jibqgħu jinteressaw rwiehom f'dik li hija storja kemm tal-Imdina kif ukoll tal-Korp tal-Pulizija biex b'hekk ikunu f'pożizzjoni aħjar li jirrispondu meta jiġu mitluba. Min-naħa tiegħu s-Supretendent Magri żied li għalkemm l-Imdina hija post relattivament kwiet, kull V.I.P. li iżur pajjiżna jittieħed l-Imdina. Dawn il-persuni jvarjaw minn artisti, għal persuni fil-qasam tal-isports kif ukoll politikanti kbar li ġieli anke jkunu taħt sigurta` stretta.

Is-Sur Zammit semma ukoll li wieħed ma jridx jinsa li barra dan ix-xogħol imsemmi hawn fuq, wieħed irid jiftakar fix-xogħol tal-Qrati, l-banek tal-lottu flimkien ma' numru ta' stabbilimenti tal-ikel u negozji oħra li llkoll jinżammu taħt superviżjoni. L-Assistent Kummissarju għalaq billi rringrazzja kemm il-fizzjali u l-membri kollha li jaħdmu f'dan id-Distrett, kif ukoll lir-residenti kollha li l-maġġoranza tagħhom għandhom fiduċja f'dawn il-membri kif ukoll fil-Korp tal-Pulizija in ġenerali.

Min-naħa tiegħu, is-Sur Magri qalilna li malli wieħed jibda jsemmi x-xogħol li hemm f'dan id-distrett wieħed ma jispiċċa qatt. Infatti huma l-aktar Distrett li joħorġu permessi in konnessjoni mal-entertainment u t-tieni l-aktar Distrett li joħroġ permessi tal-armi. Huwa kompla jgħid kif il-fatt li huwa residenti fid-Distrett għenu jifhem il-problemi tar-residenti kif ukoll kif dawn għandhom jiġu ndirrizzati. Is-Sur Magri temm jgħid li huwa jemmen ħafna fil-"pro-active policing" fil-kommunita`. Għalhekk bis-saħħa tiegħu w l-membri taħt il-kmand tiegħu, qed isaħħaħ dan il-kunċett għall-benefiċċju tar-residenti u ċ-ċittadini kollha ta' dan id-Distrett.





Mr. Clean®
cleaning contractors

Contract cleaners for window cleaning, floor maintenance, maid service, first time cleaning, carpet cleaning, kitchen cleaning, boat cleaning and turnkey construction cleaning

**M.C.C.S Co. Ltd. "Degiorgio Buildings", Triq L-Gherusija. Balzan BZN 1120.**

**Malta: Tel: 27 486136 / 21 449926 / 27449926**
**Mob: 79234248 / 99494967 – Fax: 21419167**
**Gozo: Tel: 21565112 – Mob: 99868989**

**Mr. Clean Carwash Centre Iklin – Mob: 79706050**

**www.mrcleanmalta.com – mrclean@onvol.net**





Welcome to
Il Cortile
FARMHOUSE
At Il Cortile one finds breathtaking unobstructed views in an enchanting countryside setting, with indoor and outdoor facilities. Il Cortile Farmhouse is fully air-conditioned with ample parking space. At our open weekend, one can find several other necessary services to complete your wedding day requirements, all under one roof.
Join us in celebrating our fifth anniversary, with special rates for 2010, 2011 & 2012.
Il Cortile Farmhouse ... An unforgettable dream!
When showing this Advert a 30% Discount will be given for the remaining dates of 2010/2011, for more information call Paulanne on 79314412.
45, Gharghur Road • Tal-Balal • B'Kara (In the vicinity of Liquid Nightclub ex Vibes) • Tel: 7931 4412




San Antonio HOTEL & SPA
Located in the north of the island at St Paul's Bay, San Antonio Hotel & Spa is just two minutes away from a small sandy beach, surrounded by various shops, quality restaurants, bars and nightlife.
The 4 star superior hotel offers 295 comfortable rooms including 8 suites, all equipped with air-conditioning, bathroom with hairdryer, satellite TV, direct-dial telephone, mini-bar, safe and balcony or terrace.
HOTEL FACILITIES
• Blue flag sandy beach with facilities
• Large fresh water lagoon outdoor pool
• Children's pool
• Le Marquis Spa including a heated indoor pool, steam bath and hammam, 2 saunas, 2 jacuzzi, 4 massage / beauty therapy rooms and a fully equipped gym
• Diving Centre adjacent to hotel
• Underground parking
San Antonio HOTEL & SPA
FOOD & BEVERAGE OUTLETS
• The Costa Restaurant - offering local and international cuisine in buffet style
• The Bonaparte Pizzeria & Grill
• Café Olivier
• The Lobby Bar - with live entertainment
• The Pool Snack Bar (summer only)
CONFERENCE FACILITIES
• Main meeting room with a capacity of over 450 delegates, several syndicate rooms and a large foyer
• De Rohan Meeting Room
• San Vincenzo Syndicate Room
• St Paul Syndicate Room
• San Antonio Syndicate Room
San Antonio Hotel & Spa, Tourist Street, Qawra, St. Paul's Bay, SPB 1024, Malta
telephone: (+356) 2158 3434 fax: (+356) 2157 2481 e-mail: info@sanantonio-malta.com website: www.sanantonio-malta.com

# L-Alfa Romeo u l-Pulizija tal-Iskwadra Mobbli













Nhar il-5 ta' Ġunju, 2010 l-importaturi tal-karozzi Alfa Romeo għoġobhom jistiednu l-Pulizija Maltija flimkien mal-klijenti tagħhom għal *test drive* fuq żewġ vetturi minn tagħhom li kienu qed itelgħu f'Ħal Far fl-okkazzjoni taċ-ċentinarju tal-Alfa Romeo.

Għal xi żmien il-Korp tal-Pulizija kienet tagħmel użu mill-vettura Alfa Romeo, preċiżament il-mudell 155.

Tkellimna mas-Sur Kenneth Rizzo Naudi, fejn qallilna li dan it-test drive kien qiegħed isir mis-sewwieq Alex Fiorio, li għal xi żmien kien iċ-*Champion* ta' Rallies tal-karozzi madwar id-dinja. Huwa ngħaqad maċ-*Centro Internazionale Guida Sicura* ta' Andrea de Adamich, fejn ħadem ukoll ma diversi Pulizija fl-Italja.

Is-Sur Rizzo Naudi sostna li għalkemm is-Sur Fiorio kien ser jindika varji punti saljenti ta' kif wieħed għandu jikkontolla l-vettura, kien ser juri wkoll punti iktar importanti lil Pulizija li jafu jkunu kruċjali waqt is-sewqan tagħhom.

Qal li l-kontroll tal-vettura huwa mportanti, speċjalment aħna bħala Pulizija meta tiġi preżentata sitwazzjoni fejn iridu nsuqu b'ċerta veloċita'. Il-kontroll tal-vettura huwa mportanti, speċjalment jekk il-każ jiġri fejn ikun hemm it-traffiku jew f'sitwazzjoni fejn wieħed irid jimmaniġja l-vettura fi spazji ristretti.

Tkellimna wkoll mas-Sur Fiorio fejn saqsejnih fuq l-attaġjament tal-Pulizija waqt is-sewqan u jekk kienux għal-altezza ta' dan it-*test drive*.

Kien impressjonat li kulħadd kien attent għal dak kollu li qallhom, avolja l-mod ta' sewqan huwa differenti, kif ukoll mhux faċli li dak li tkun tgħallimt l-ewwel darba timplimentah mill-ewwel. Kien kuntent li dawk preżenti kienu attenti għal dak kollu li kien qiegħed jgħidilhom, speċjalment meta użaw it-tieni vettura. Għal din it-*test drive* intużaw il-vetturi Alfa MiTo u Alfa Brera.

Kummenti li ħadna mingħand il-kollegi tagħna li użaw dawn il-vetturi kienu kollha ta' tifħir, kemm lejn l-instructor kif ukoll lejn il-vetturi wżati. Kienu kuntenti li kellhom din l-opportunita' jiltaqgħu ma persuna ta' dan il-kalibru u li meta persuna mingħalija tkun taf kollox fuq is-sewqan, bi bniedem bħal dan wieħed malajr jinduna kemm hemm iktar x'wieħed jitgħallem.


GARMIN
Left on Biddle St
STARTING FROM
nüvi €130
PRE-LOADED WITH WESTERN EUROPEAN MAPS
Incl VAT
Update your nüvi245 within 60 days from date of purchase
& get your Malta maps for FREE
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira
Tel: 2133 5521 • Mob: 7947 7728
admin@medcomms.com.mt
www.medcomms.com.mt


BIO POWER
I RUN ON BIODIESEL
www.eorc.com.mt


MIB
MEDITERRANEAN INSURANCE BROKERS
www.mib.com.mt
Discounts for all serving and retired members of the police force
Talk to us today
234 33 234
€20 discount on your Motor Insurance
€50 discount on your Home Insurance
€100 discount on your Yacht & Motorboat Insurance
Plus get an Annual Travel Insurance for only €62 and travel to any country for any number of times
Terms & Conditions
• Discounts are available for insurances bound during 2011 • Discounts are only redeemable on presentation of this advert • Discounts subject to a minimum premium of €500 on Yacht & Motorboat and €150 on Home and Motor • Advert may be exchanged for a percentage discount on lower premia • Only one discount may be allowed for each policy • Discounts may not be used in conjunction with other offers • Discounts apply only to risks not presently insured through MIB • Normal underwriting criteria applies • Annual travel cover is available for business-related travel only. Other offers exist on pleasure trips.
For further information please contact: Malcolm Ellul ACII (Divisional Director)
Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd.
53, Mediterranean Building, Abate Rigord Street, Ta'Xbiex, XBX 1122, Malta (EU)
T. +356 234 33 219, +356 234 33 234, +356 794 21 112 E. malcolm_ellul@mib.com.mt
MIB YOUR INSURANCE SOLUTION
AON
Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd. is an enrolled company regulated by the Malta Financial Services Authority and are the exclusive correspondents in Malta for Aon


COSECASA THE HOUSEHOLD SHOP
All you need for your kitchen
24 pieces cutlery set
COSECASA
Ambassador International
18/10 Stainless Steel - Lifetime Guarantee
High Pot (24cm) + lid | Spaghetti Strainer (24cm) High Casserole (24cm) + lid | High Casserole (20cm) + lid High Casserole (16cm) + lid | One Handle Casserole (16cm) + lid | Frying Pan / Grill (24cm) + lid | Steamer / Colander | Basin Bain Marie (20cm) + lid | Basin Bain Marie (24cm) + lid Sucker Handle | Adaptor Ring | Frying Basket | Grater / Steamer
€323
+FREE GIFT
24cm frying pan
71 pieces dinner set
12 Dinner Plates | 12 Soup Plates | 12 Side Plates
12 Tea Cups & Saucers | 12 Coffee Cups & Saucers
2 Oval Platters | 1 Square Platter | 2 Tea/Coffee Pots
2 Creamers | 2 Sugar Bowls | 1 Gravy Bowl
1 Soup Tureen
+FREE GIFT
Macedonia set includes - 12 Fruit bowls (12cm), 2 Fruit bowls (15cm) & 2 Fruit bowls (18cm)
OR 12 Mugs & 12 Napkin Rings
€440
18/10 Stainless Steel - Lifetime Guarantee
6 Table Forks | 6 Table Knives
6 Table Spoons & 6 Tea Spoons
24 pieces cutlery set
€39
+FREE GIFT
6 pastry forks
77, Three Churches Street, Balzan | Tel: 2144 7672/3
info@cosecasa.com | www.cosecasa.com
1000's of more products to choose from!


BATHROOM CENTRE
435, St. Joseph High Road, St.Venera
T: 2144 0202 | 2144 9641 | F: 2148 2849
E: carini@maltanet.net
carini STORES LTD.


MF electrix
it's all about lights
S. Psaila Str. B'Kara, BKR 9078
T 2149 4955 - 56
F 2149 4957
info@mfelectrix.com.mt
www.mfelectrix.com.mt
Apply for your
MFelectrix Loyalty Card
TERMS & CONDITIONS APPLY
MF electrix
Loyaltycard
high quality designer & contemporary lighting
log on www.mfelectrix.com.mt
or visit our outlet for more information


check out the
Forestals
weekly offers
SHOP ONLINE
www.forestals.com
VISA
MasterCard
HSBC
BOV Bank of Valletta
PayPal
FREE DELIVERIES ON ALL ONLINE ORDERS


Malta's
world class
marina
GRAND HARBOUR MARINA
VITTORIOSA * MALTA
Grand Harbour Marina p.l.c
The Capitainerie, Vittoriosa Wharf,
Vittoriosa, BRG 1721
Tel: 2180 0700/2180 3000
Fax: 2180 6148
Email: info@ghm.com.mt
www.ghm.com.mt
Camper & Nicholsons
YACHTING SINCE 1782
MARINAS


Logistics
Express Group Logistics
One access to all your logistic needs
www.expressgroup.com.mt
ROAD
SEA
AIR
TRAVEL
Total Logistic Solutions
Emmanuel Vella & Sons LIMITED
EXPRESS TRAILERS
EXPRESS FREIGHTS
Eyre Travel Ltd
Velbro House, Qormi Road, Luqa LQA 9040, Malta. +356 2124 2311

# Żjara ta' korteżija mill-Ministru tal-Intern u l-Ġustizzja u l-Kummissarju tal-Pulizija fl-Akkademja tal-Pulizija

Nhar it-12 ta' Novembru, 2010, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo flimkien mal-Onorevoli Ministru tal-Intern u tal-Ġustizja Dr. Carm Mifsud Bonniċi LL.D. indirizzaw lil ħamsa u tmenin (85) rekluta li bħalissa qegħdin jattendu kors ta' taħriġ sabiex isiru Kuntistabbli tal-Pulizija. Preżenti għal dan id-diskors kien hemm ukoll il-Kmandant tal-Akkademja, s-Sur Ronald Kelly u l-Ispettur inkarigat mill-Akkademja tal-Pulizija s-Sur Stephen Mallia.



Mal-wasla, ingħatat merħba lill-Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija u sar diskors ta' introduzzjoni mill-Kmandant ta' l-Akkademja. Fid-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija saħaq fuq l-importanza tat-taħriġ li qiegħed jingħata. Tant, li enfasizza l-ħtieġa u neċċessita' ta' dan it-taħriġ sabiex fil-futur, meta Kuntistabbli jigradwa u joħroġ fid-dinja tax-xogħol ikun kapaċi jaffronta sitwazzjonijiet varji b'mod professjonali u effiċjenti. Il-Kummissarju kompla billi saħaq li peress li l-liġijiet jinbidlu minn żmien għall-ieħor huwa mportanti li l-Pulizija iżommu ruħhom aġġornati u mħarġa bl-aħjar mod possibbli.
L-Onor. Ministru għamel id-diskors tiegħu tal-okkazzjoni fejn kompla jibni fuq dak li qal il-Kummissarju. Huwa qal li l-Pulizija għandhom responsabbilta' kbira tul il-karriera tagħhom. Huma għandhom ikunu aġġornati fuq it-tibdil legali u amministrattiv u peress li l-ħidma ta' Pulizija hija waħda ta' 24/7, għandhom ikunu ppreparati. Il-Ministru ħeġġeġ lir-rekluti sabiex ikomplu jistudjaw u jieħdu dan il-kors bis-serjeta'. Huwa kompla jikkonferma ukoll li l-kors huwa ta' livell Ewropew. Filfatt waqt dan ir-reklutaġġ, ir-rekluti ħa jkollhom l-opportunita' li jipprattikaw għal tlett xhur f'Għasses u Skwadri differenti fi ħdan il-Korp.







Kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll il-Ministru responsabbli mill-Korp tal-Pulizija awguraw lir-rekluti għal din is-sena ta' studju u taħriġ li għandhom quddiemhom.

# Fixed Deposit Accounts in €

| | |
|---|---|
| 1-year fixed | 3.5% per year |
| 2-year fixed | 4.0% per year |
| 3-year fixed | 4.5% per year |
| 4-year fixed | 5.0% per year |
| 5-year fixed | 5.5% per year |

**Tel: 2557 4400**

**www.medbank.com.mt**

mediterraneanbank

wealth management - savings - investments

CHARTS

WEALTH MANAGEMENT • CORPORATE BROKING

**Mediterranean Bank Plc.**

**Head Office:** 10 St.Barbara Bastion, Valletta VLT 1961, Malta. Tel: 2557 4400

**Sliema Branch:** 36A Tigné Seafront, Sliema SLM 3011. Tel: 2557 4444

Open Monday to Friday 8am - 6pm

Terms and conditions apply.

Mediterranean Bank operates under the depositor compensation scheme established under the laws of Malta. Mediterranean Bank Plc. is licensed by the Malta Financial Services Authority under the Banking Act (1994) and the Investment Services Act (1994). Registration number C34125






Lo Squero Restaurant is open for lunch and dinner from 12:00 to 15:00 and 19:00 to 23:00 every day except Tuesdays.

We provide wireless internet access, ideal for business lunches and dinners.

~•~

The Velo Lounge is part of the Lo Squero premises, and it is available for private parties and also conferences.

Lo Squero Restaurant and Pizzeria, Hay-Wharf, Floriana
Tel: 21 232 700, Mob: 799 27114 or 994 77133
Email: info@losquero.net, Website: www.losquero.net



www.khironsecurity.com

KHIRON SECURITY

Excellence.Integrity.Response.



**An international record of success**

Guarding | Event Safety Management | Close Protection
Corporate Investigation | Training

Triq is-Soll, Santa Venera Tel: 21499880, 21472488
**Email:** info@khironsecurity.com


Paul Picot
Artisan - Horloger - Suisse
GENTLEMAN
QUANTICOLOR
VICTOR AZZOPARDI
Jewellers Est.1898
FLORIANA, TEL: 2123 3715 | HILTON MALTA, PORTOMASO
ZACHARY STREET, VALLETTA | www.victorazzopardi.com


THE SOUL OF GOOD FOOD
IN THE HEART OF VALLETTA
Plan your Christmas parties at the Premier; a great venue offering different locations and a large variety of food prepared with utmost quality and passion!
PREMIER
DIFFERENT FOODS FOR DIFFERENT MOODS
Call us on 21 247 300 or 9924 7300 to make a reservation or email info@premier.com.mt
FREE PARKING


James Caterers
The name you can trust
Velleran Street Fgura FGR 1900
Tel: +356 21896290 Fax: +356 21896371
Website: www.james-caterers.com
Email: sales@james-caterers.com

**Malta Police Force**
for your safety and security

Process Reports | Inspector Marisa Camilleri

Report Details

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| te : | 05-Jul-2010 | Type : | Appraisal | Status : | New |
| RES Ref : | 7012/4/2010 | PIRS Ref : | | Section : | Internal Affairs |
| m : | | | | To : | |
| cation : | Dar Tereza Spinelli , Valletta | | | | |

scription : Bzonn tal-presenza tal-pulizija u l-intervent taghhom f'diversi incidenti fejn tidhol sigurta' ta' nisa u tfal li jirrisjedu f'shelter/home. L-interventi tal-pulizija ta' l-ghassa tal-Belt kienu immedjati u efficenti. Il-kooperazzjoni taghhom ma' l-istaff kienet wahda mill-aqwa, fejn ghenet sabiex ix-xoghol ta' care workers u haddiema socjali ikun b'iktar sigurta u efficjenza.

Sent: Tue 03/08/2010 19:22

Galea
at POLICE

:i

r Ray li hadna it- tfal jaraw is- sezzjoni tal- klieb u taz- zwiemel. Qed nibghatlek din l-
zzjakom tas- servizz li taghuna f' kull sezzjoni. Nixtieq li din l- email taghadijilhom u

Follow up
**CMRU at POLICE**

From: Paul Bonannc | Sent: Sat 28/08/2010 09:09
To: CMRU at POLICE
Cc:
Subject: Thanks - Mr George (CID Section)
chments:

9/2010 12:55
Magri Carmelo at POLICE;

Sir,

ould like to take this opportunity to ***THANK*** Mr. George CID Section (sorry I do not have his surname) for reporting that my rsonal mobile was found. In less then 7 minutes that I lost it was already found.

Individuals like Mr. George are an asset to the Maltese Police Corp and s

Thanks once again.

Regards

Paul Bonanno

recent

a

# Meta pulizija jkun eżemplari

NHAR il-Ħadd, 6 ta' Ġunju filgħodu, ipparkjajt fi Triq it-Torri tas-Sliema taħt sit ta' kostruzzjoni. Minħabba li l-kuntrattur għamel estensjoni tal-bankina billi ħarigħa iżjed 'il barra fit-triq, kelli bilfors intella' parti żgħira mill-karozza fuq din l-estensjoni li għamel il-kuntrattur għax inkella l-karozza kienet tiġi kważi f'nofs tat-triq.

Malli mort lura għall-karozza sibt pulizija tat-traffiku wieqaf ħdejn il-karozza biex iħarrikni. Malli staqsejtu għalfejn se jħarrikni qalli: "Mhux se ngħidlek jien, ejja din in-naħa u għidli int." Malli għamilt hekk indunajt li minn taħt l-'iscaffolding' li jkun hemm bħala lqugħ fuq kull sit ta' kostruzzjoni, ma kienx jgħaddi 'push-chair' minħabba li dan kien dejjaq ħafna. Bil-mod kif ipparkajt kompIejt għalaqt il-parti żgħira li kien hemm fuq l-estensjoni li għamel il-kuntattur mal-bankina.

Malli għedtlu b'dan ħares lejja u qalli: "M'iniex se nħarrkek imma ħabib, bi ftit iktar loġika minn kulħadd fit-toroq tagħna, l-affarijiet jimxu aħjar!" Sellimli u telaq.

Bil-mod kif ġab ruħu miegħ dan il-pulizija irrealizzajt iżball tiegħi b'nuqqas ta' ħsieb.

Ċertament li kull darba li nkun se nipparkja din l-esperjenza se nibqa' niftakarha u żgur li m'iniex se nerġa' nagħmel li għamilt il-Ħadd, 6 ta' Ġunju.

Lil dan il-pulizija ma lħaqtx ħadtlu n-numru, imma xorta ħassejt li kelli nikteb dwar il-każ. Xi kultant nisimgħu lmenti u tgergir kontra xi uffiċjali tal-Korp għall-mod kif iġibu ruħhom man-nies, iżda tajjeb li stejjer pożittivi dawn jixxandru wkoll.

Ċertament li dan hu l-mod kif jiġi edukat il-pubbliku u mhux b'multi biss. Il-multi huma siewja, imma hija aktar siewja kelma ta' ġid bħal dik ta' dan il-pulizija eżemplari.



Orizzont 11/06/2010 Page 17

**Malta Police Force**
for your safety and security

Process Reports | Inspector Marisa Camiller

Report Details

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Date : | 04-Jul-2010 | Type : | Appraisal | Status : | New |
| OPRES Ref : | 7009/4/2010 | PIRS Ref : | | Section : | Internal Affairs |
| From : | | | | To : | |
| Location : | hsbc qormi | | | | |

Description : fuq l-attentat ta hold up fuq l-hsbc ta hal-qormi, NIXTIEQ NAGHTI PROSET KBIRA LIL MEMBRI TAL KORP LI FORSI AKTAR U AKTAR ZMIEN L-KRIMINALITA TONQOS U AHNA NKUNU AKTAR KUNTENTI B DAWN R-RISULTATI, U NIGU KONXI TAL-PERIKLU LI AHNA NKUNU WAQT L-QADI TAD-DMIRIJIETNA..( FORSI F ZMIEN QARIB KULL MEMBRU TAL-KORP JEW HAFNA MINNHA NKUNU NGORRU ARMA TAN-NAR FUQNA AR RAGUNI LI WAQT LI TKUN GHADDEJ FUQ RONDA MA TISTAX TGHID MA XIEX TINTAQA ) B HEKK HADT MILL MEMBRI MA JIGI F PERIKLU LI JITLEF HAJTU, QED NGHID LI ALLINQAS JKOLLOK BIEX TIDEFFENDI RUHEK U TUZHA L-ARMA TAJJEB UKOLL. PROSET LIL KORP KOLLHU, GHALIJA L-KORP HUWA T-TIENI FAMILJA TIEGHI..

# g presence of police on beat

nd the or what itiative ables to

tremely g officer nglea sub

walking umerous

He is certainly gaining the confidence and getting to know a lot of local residents who feel reassured to have a visible police presence.

I spoke to him and told him how good it was to see him; I managed to reminisce about my time as a police officer in the UK where I mainly held roles within community policing.

The main weapon against crime is high visibility policing and direct face-to-face contact.

I have also noticed a higher presence of mobile patrols around the whole island - again this can only be of extreme benefit to all citizens as it does act as a deterrent to possible offences being committed.

**John Carmel Navarro**
*Senglea*

Times 06/08/2010 Page 9

# Ringrazzjament

Sur Editur,

F'isem il-familja tiegħi nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil kull min ta sehmu biex isalva lil missieri li waqa' f'bir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2010 fl-inħawi ta' Birguma, limiti ta' Ħal-Għargħur.

Nirringrazzja lill-Pulizija tal-Mobile, immexxija mis-Surġent Luke Stivala, il-pulizij tad-distrett, immexxija mil Ispettur Bernard Spiteri s-Surġent Gillian Henwoo flimkien mat-tim mediku u membri tal-protezzjoni ċivi mmexxijin minn Natalin Bezzina u lill-infermiera Rit Schembri.

ANNETTE APAI
Birkirkaı

Orizzont 1/11/2010 Page 13


AS SAFE AS HOUSES?
G4S
INTRUDER ALARM SYSTEMS
REMOTE ALARM MONITORING
CCTV CAMERAS
FIRE ALARM SYSTEMS
Securing Your World
Security Services
24hr Control Centre
Response Service On Activation
Manned Security
Archiving Services
Cash & Valuable Transportation
Patrol Service
Contact us for a free quote Tel: 2549 4444
enquiries@mt.g4s.com


SMART LIGHT
systems co.ltd
TURN ON THE LIGHT
SWITCH TO SMARTLIGHT
90X40mm Rectangular Spot
Consumption 1.5 Watts
83mm Spot
Consumption 3.5 Watts
Contact us on info@smartlightsystems.com to set up a free consultation and ideas session to discuss your lighting requirements and start enjoying great savings today.
Showroom:
Xtreme, 430 Fleur de Lys, B'kara.
T: (356) 2144 3229 M: (356) 7900 7152
Visit www.smartlightsystems.com or call us today.


jolly. Lifestyle
Jolly Lifestyle Mdina Road Zebbug
Tel: 2146 6154

# X'Qed jiġbed liż-żgħażagħ biex jidħlu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta?

– Dr Rosanne Cuschieri

Ir-raġunijiet għaliex persuni jippreferu xogħol minn ieħor, jew professjoni minn oħra jistgħu jkunu varji. U huma dawn ir-raġunijiet li jagħmlu persuna tagħżel u tirsisti biex timpjega ruħha fil-qasam li tkun tixtieq.

Qabel ma spiċċa l-aħħar grupp ta' rekluti li kien hemm ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija bejn Ottubru tal-2009 u Ġunju ta' din is-sena, jiena għamilt riċerka żgħira biex nindaga x'kienu r-raġunijiet għaliex dawk iż-żgħażagħ iddeċidew li jidħlu fil-Korp tal-Pulizija. Din it-tip ta' riċerka nħobb nagħmilha kull darba li jispiċċa grupp ta' rekluti u nipprova nistudja jekk ikun hemmx xi tip ta' pattern bejn reklutaġġ u ieħor. Kollox kien beda meta għamilt riċerka fuq bażi akbar, lura fis-snin 1994 / 1995 meta kont qed nagħmel l-ewwel kwalifika tiegħi. Jista' jkun hemm ħafna raġunijiet għaliex individwu jagħżel li jagħmel xogħol u mhux ieħor. Biss fl-opinjoni tiegħi, hemm ċerti xogħolijiet jew professjonijiet li tant ikunu "demanding" fuq l-individwu, li jekk wieħed jidħol għalihom għal raġunijiet estrinsiċi biss, bħal per eżempju paga tajba, jew ħafna vaganzi, jkun hemm ċans kbir li l-istess individwu ma tanx jagħmel suċċess fil-karriera tiegħu. Irid ikun hemm mottivi intrinsiċi fix-xogħol biex in-nies jiġu motivati u preferibbilment sodisfatti bix-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu. Barra minn hekk, jiena nemmen li għal ċertu xogħlijiet irid ikollok vokazzjoni, u x-xogħol fil-korp tal-Pulizija huwa wieħed minn dawn.

Mill-aħħar grupp ta' rekluti rnexxieli niġbor 123 risposta (110 irġiel u 13 nisa). Fost l-ewwel affarijiet li jolqtuk huwa l-fatt li minn dan it-total kollu, 13 biss kienu qed jaħdmu għall-ewwel darba. Il-kumplament kollha kellhom xi tip ta' xogħol qabel ma applikaw biex jidħlu fl-Akkademja.

**L-eta' tal-parteċipanti kienet kif ġej:**

- 47 rekluti bejn it-18 u l-20 sena
- 43 rekluti bejn il-21 u 23 sena
- 15 rekluti bejn 24 sena u 26 sena
- 16 rekluti bejn 27 u 29 sena
- 2 rekluti bejn 30 u 32 sena.

**Raġunijiet**

